MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM’AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta’ Frar, 2025

Rikors Numru 351/2023 LM

**Trive Financial Services Malta Limited (C 60473)**
*(‘ir-rikorrenti’)*

***vs*.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta’ Informazzjoni Finanzjarja**
**u**
**l-Avukat tal-Istat**
*(‘l-intimati’)*

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fl-4 ta’ Lulju, 2023, mis-soċjetà rikorrenti **Trive Financial Services Malta Limited (C 60473)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà rikorrenti’] kontra l-intimati l-**Korp għall-Analiżi ta’**

**Informazzjoni Finanzjarja** u **l-Avukat tal-Istat** [minn issa ’l quddiem rispettivament ‘il-Korp intimat’ u ‘l-intimat l-Avukat tal-Istat’], li jgħid kif ġej:

*“Tesponi bir-rispett:*

***Introduzzjoni***

1. *Trive ġiet immultata l-ammont ta’ €133,148 (“**il-Multa**”) ai termini tal-Att Kontra Money Laundering (Kap. 373 tal-Liġijiet ta’ Malta) (l-“**Att**”) u r-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta’ Terroriżmu (L.S. 373.01 tal-Liġijiet ta’ Malta) (ir-“**Regolamenti**”).*

2. *Fis-suċċint, u kif ser jiġi spjegat fid-dettal iktar l-isfel, Trive qed tressaq din il-kawża minħabba l-fatt li, skontha, hemm numru ta’ disposizzjonijiet fl-Att u fir-Regolamenti li minnhom infushom jilledu d-dritt tagħha ta’ smigħ xieraq. Addizzjonalment, jirriżulta wkoll li l-proċess tal-investigazzjoni sar bi ksur tad-dritt ta’ smigħ xieraq. F’dawn il-proċeduri għalhekk, Trive qed tressaq il-pretenzjonijiet tagħha li:*

   a. *Primarjament, li l-liġi tilledi dritt ta’ smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta (“il-**Kostituzzjoni**’) u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (“il-**Konvenzjoni**”). L-Artikolu 39(1) tal-Kosituzzjoni huwa ċar u jipprovdi li meta persuna tkun akkużata b’reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi. F’dan il-każ, il-qafas regolatorju li hu stabbilit permezz tal-Att u r-Regolamenti (fn. 1: B’mod partikolari, l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13Ċ u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti;) huwa tali li jagħti lill-Korp il-poteri kbar biex jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u ‘qorti’. Madanakollu l-Korp mhuwiex qorti independenti u mparzjali skont ir-rekwiżiti tal-Kostituzzjoni. Lanqas hemm rimedju adegwat fil-liġi stess li tista’ b’xi mod tissanzjona tali ksur. Il-liġi li permezz tagħha l-Korp jopera, ma tipproteġix id-drittijiet ta’ Trive u għaldaqstant, f’dawn il-proċeduri, Trive qed titlob li l-Qorti ssib li l-liġi kif kostitwita tilledi d-dritt tagħha tas-smigħ xieraq.*

   b. *Addizzjonalment, Trive tilmenta li:*

*i. L-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni;*

*ii. L-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 13 tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures – Part 1 u Part 2 (Remote Gaming) maħruġa mill-Korp ('l-**Implementing Procedures**') abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-Korp abbuża mid-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi, aġixxa arbitrarjament u b'abbuż tal-poteri tiegħu u sab li Trive kienet ħatja ta' akkużi ta' natura kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi.*

***Il-Fatti***

*4. F'Novembru tas-sena 2019, il-Korp ikkonduċa investigazzjoni fuq il-kumpannija AFKX Financial Services Limited ("**AFKX**"). Fit-22 ta' Lulju 2020, il-Korp bagħat korrispondenza lil AFKX, fejn infurmat lil AFKX li l-Korp kien sab xi nuqqasijiet u talab lil AFKX tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha (hawn annessa u mmarkata bħala **Dok A**).*

*5. Fil-bidu tas-sena 2022, Kapital Investments Group B.V. illum magħrufa bħala Trive Investment B.V. ("**Trive BV**") ikkonkludiet tranżazzjoni permezz ta' liema hi xtrat kull interess fis-soċjeta rikorrenti indirettament permezz tal-akkwist tal-ishma kollha fil-kumpannija Gaudichot Holdings Limited, illum magħrufa bħala Mercury Financial Europe Limited ("**Mercury**"), li hija l-unika azzjonista tal-kumpannija AFKX. Konsegwentement, mhux biss AFKX kellha isimha mibdul għal Trive Financial Services Malta, iżda, mill-bidu tas-sena 2022 kienet taħt tmexxija u* Management *differenti minn dik ta' qabel.*

*5. Kien għalhekk sorpriża li fil-11 ta' April 2023, u ftit inqas minn erbgħa snin mill-investigazzjoni, Trive rċeviet ittra hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. B** (id-"**Deċiżjoni**"), il-Korp ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jimponi piena, hekk imsejħa amministrattiva, fl-ammont ta' €133,148 ai termini tal-Artikolu 13 tal-Att Kontra Money Laundering (Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") u Regolament 21 tar-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta) (ir-"**Regolamenti**").*

*6. Minħabba tibdil sostanzjali fit-tmexxija u fl-amministrazzjoni ta' Trive kif ukoll t-trapass kbir taż-żmien mill-investigazzjoni sad-data tad-Deċiżjoni, Trive ma kinitx f'pożizzjoni li tressaq appell u għaldaqstant ħallset il-multa. Madanakollu però, Trive, permezz ta' ittra datata 23 ta' Mejju 2023 (annessa*

*u mmarkata bħala* ***Dok. C****), kitbet lill-Korp fejn għarrfitha, fost affarijiet oħra, li b'konsegwenza tal-Multa, Trive soffriet leżjoni ta' drittijiet konstituzzjonali tagħha u esprimiet ir-riservi tagħha fir-rigward tal-liġijiet u l-proċessi li waslu għall-impożizzjoni tal-Multa. F'dan ir-rigward Trive rriżervat id-drittijiet kostituzzjonali tagħha. Addizjonalment, infurmat lil Korp li l-pubblikazzjoni tal-Multa fuq is-sit tal-Korp ukoll hija leżiva d-drittijiet tagħha u qed tikkawżalha danni sostanzjali. Trive tablet lil Korp sabiex ineħħi mis-sit elettroniku tiegħu tali pubblikazzjoni iżda, sad-data tal-preżentata tar-rikors in kwistjoni, il-Korp ma weġibx għal din it-talba.*

7. *Trive, għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, qed tressaq dawn il-proċeduri.*

***L-applikabilità tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

8. *L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan, għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili fejn l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi. Bl-istess mod l-artikolu Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi ukoll dritt ta' smigħ xieraq minn tribunal jew qorti imparzjali u indipendenti.*

9. *Hu issa stabbilit mill-ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda ta' natura kriminali. Għaldaqstant, l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-kap kriminali ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw. (fn. 2: Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilew li l-kap kriminali ta' Artikolu 6 ikun japplika għal proċeduri relatati ma' reati amministrattivi, bħal per eżempju l-proċeduri in kwistjoni dwar il-liġi tal-kompetizzjoni. Ara,* Bendenoun v France, *Rikors Numru 12547/86 (24 ta' Frar 1994);* Jussila v. Finland, *Rikors Numru 73053 (23 ta' Novembru 2006) u* Engel and others v the Netherlands, *Rikors Numru 5100/71, 5370/72 (8 ta' Ġunju 1976). Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi Artikolu 6 jkun japplika għal proċeduri amministrattivi jekk ċertu elementi komunement magħrufa bħala l-*Engel criteria *ikunu sodisfatti).*

10. *Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("****QEDB****"), fil-każ* Jussila v Finland *(fn. 3: Ċitata supra) spjegat fid-dettall id-diversi akkużi kriminali li jistgħu jinġiebu fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi simili għall-proċeduri in*

*kwistjoni u l-applikazzjoni ta' Artikolu 6. F'dan il-każ, il-QEDB iddikjarat is-segwenti:*

> "There are clearly 'criminal charges' of different weight. What is more, the autonomous interpretations adopted by the Convention institutions of the notion of a 'criminal charge' by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Ozturk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campell and Fell v the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Soçiete Stenuit v France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v France, no 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency."

11. *Jirriżulta ċar, li għalkemm, dawn l-akkużi huma ta' natura amministrattiva, xorta waħda jittrattaw kwistjonjiet li għandhom natura ta' akkużi kriminali. Kif għamlet il-QEDB, f'*Engel, *wieħed jagħmel distinzjoni bejn il-pieni li jaqgħu fil-kategorija ta'* "hard core of criminal law" *u pieni li jitnisslu minn "*cases not strictly belonging to the traditional category of the criminal law"*. Għalkemm dawn il-każijiet ma jaqgħux taħt il-kategoriji konvenzjonali li ġeneralment insibu taħt il-liġi kriminali, u* "the criminal head guarantees will not necessarily apply with their full stringency", *(fn. 4: Ara* Bedenoun v France *sopraċitata), xorta jrid jiġi f'kull każ protett, u jiġi assigurat li, id-dritt ta' smigħ xieraq tagħhom ma jiġix leż.*

12. *Il-Qorti Kostituzzjonali Maltija wkoll ikkonfermat li dawn it-tip ta' proċeduri, huma ta' natura kriminali u għaldaqstant id-dritt ta' smigħ xieraq għandu japplika. F'dan ir-rigward, referenza issir għal* Angelo Zahra v Kummissarju tat-Taxxi Interni, *(fn. 5: 29 ta' Mejju 2015)* Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali Kompetizzjoni *(fn. 6: 3 ta' Mejju 2016) u* Rosette Thake noe v Kummissjoni Elettorali *(fn. 7: Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2018), fost oħrajn.*

13. *Riċentement, din il-Qorti sabet illi l-liġijiet li qed jilmenta dwarhom Trive huma leżivi għad-dritt ta' smigħ xieraq. Fil-kawża fl-ismijiet* Phoenix vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finazjarja et *(fn. 8: Deċiża fit-30 ta' Marzu 2023) u* Insignia Cards Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et

*(fn. 9: Deċiża fl-24 ta' Mejju, 2023), din il-Qorti sabet li l-multi mposti mill-Korp ai termini tal-Att għandhom natura kriminali, u għaldaqstant il-protezzjoni taħt l-Artikolu 39(1) japplika għalihom. Fis-suċċint, il-Qorti qalet illi, ġialadarba dawn il-multi kriminali qed jiġu mposti minn entità li ma hijiex qorti (u ċioè mill-Korp intimat), ir-rikorrenti soffrew leżjoni għad-drittijiet fundamentali tagħhom. Tajjeb li jingħad li dawn is-sentenzi madanakollu għadhom mhumiex* res judicata.

***Il-Ksur tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni***

14. *Analiżi tal-artikoli u r-regolamenti rilevanti tal-Att u tar-Regolamenti jwassal sabiex, wieħed jikkonkludi li hemm leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq.*

<u>Il-Ksur tal-Artikolu 39(1): Il-Korp mhuwiex Qorti</u>

15. *L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan, għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili fejn l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi. Din id-distinzjoni ġiet asserita fil-każ* Pulizija v. Emmanuel Vella *(fn. 10: Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Ġunju 1983).*

16. *Hu issa stabbilit mill-ġurisprudenza estensiva illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda ta' natura kriminali (ara l-każistika kollha tal-Qorti Kostituzzjonali li għaliha issir referenza fil-paragrafu numru 12 u 13). F'dawk is-sentenzi, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet u stabbiliet il-prinċipju li proċeduri ta' natura kriminali, skont il-Kostituzzjoni (kuntrarjament għall-art 6 tal-ECHR), jistgħu jiġu determinati biss minn qorti (u qorti tfisser biss il-qrati inferjuri presjeduti minn Maġistrati u dawk superjuri presjeduti minn Imħallfin) (fn. 11:* Pulizija v Emmanuel Vella, *28 ta' Ġunju 1983). L-enfasi għalhekk hija fuq il-ħtieġa kategorika illi kwistjonijiet ta' natura kriminali jiġu sindikati u deċiżi biss, anke mill-prim istanza, minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Jirriżulta nkontestat li l-Korp mhux qorti indipendenti u imparzjali skont kif jirrekjedi l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant abbażi ta' dan il-fatt biss, il-Qorti għandha ssib li l-liġi hija leżiva u għandha tilqa' t-talbiet rikorrenti.*

<u>Il-Kostituzzjoni tal-korp skont il-liġi: Awtorità mhux indipendenti u awtonoma</u>

17. *Il-Korp mhux awtorità indipendenti u awtonoma. L-Artikoli 15 u 16 tal-Att jistabbilixxu l-Korp u jiddefinixxu l-funzjonijiet tiegħu. L-Korp huwa, fost oħrajn,*

*responsabbli għall-ġabra, l-kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jipprevjeni, jinkixef u b'mod effettiv jiġi miġġieled* money laundering *u finanzjar ta' terroriżmu. Fost ħafna poteri, il-Korp għandu l-poter li jissorvelja ċertu operazzjonijiet u jinvestiga lil persuni suġġetti, jagħti istruzzjonijiet, kif ukoll jimponi pieni amministrattivi. Madanakollu, l-Korp ma jistax jitqies bħala Korp li huwa wieħed indipendenti u imparzjali:*

*17.1 L-Artikolu 15(3) tal-Att jipprovdi li:*

> Il-Korp għandu jagħmel ftehim ta' qadi li tagħmel l-aġenzija mal-Ministru, liema ftehim għandu jistabbilixxi l-finanzjament tal-aġenzija u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-artikolu 16(1), kull ħidma speċifika li taqa' fl-iskop tal-funzjonijiet tal-Korp li għandhom ikunu indirizzati u miksuba mill-Korp.

*Għaldaqstant, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jiddetta l-mod kif jiġi finanzjat il-Korp u jista' ukoll jimponi, ħidmiet oħra speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati u miksuba mill-Korp, lil'hinn mill-Artikolu 16 tal-Att. Dan il-ftehim mhuwiex wieħed pubbliku.*

*17.2 Il-Korp huwa kostitwit minn Bord ta' Gvernaturi u Direttur (fn. 12: Artikolu 18(1) tal-Att). Il-Bord huwa responsabbli għall-politka li għandha tiġi adottata mill-Korp u li għandha tiġi esegwita u mwettqa mid-Direttur. (fn. 13: Artikolu 18(2) tal-Att) Il-Bord huwa kollu kemm hu appuntat mill-Ministru skont it-termini tal-Artikolu 19(2) u (3) tal-Att, il-membri tal-Bord huma mħallsin mill-Ministru tal-Finanzi u huma appuntati biss għall-perijodu ta' tlett snin.*

*17.3 Id-deċiżjoni dwar l-impożizzjoni tal-piena amministrattiva tiġi meħuda mill-"*Compliance Monitoring Committee" *tal-Korp li l-membri tagħha huma d-direttur tal-Korp, id-deputy director tal-Korp u rappreżentanti mis-sezzjonijiet tas-*Supervision and Enforcement *u* Legal Affairs *tal-Korp. Fi kliem ieħor, magħmula minn impjegati tal-Korp stess li għalhekk ma humiex imparzjali u li jiġbdu l-istess ħabel tal-Korp.*

*18. Fl-eżerċizzju ta' dawn il-poteri diskrezzjonarji, skont id-disposizzjonijiet legali li jirregolawh, il-Korp qatt ma jista' jkun imparzjali. Il-Korp huwa awtorità pubblika li tagixxi bħala investigatur, prosekutur u Qorti fl-istess ħin. Huwa enti li:*

*a. Jifformola r-regolamenti li japplikaw lil persuni suġġetti li jirregola;*

b. *Jikkonduċi hu stess, fid-diskrezzjoni tiegħu l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet fuq persuni suġġetti u jevalwa l-informazzjoni li jiġbor hu stess;*

c. *Jaġixxi kemm ta' prosekutur iżda fl-istess ħin ukoll ta' imħallef u sussegwentement jasal għal konklużjonijiet ta' ħtija daqs li kieku kien xi tribunal indipendenti u imparzjali, jew daqs li kieku bħala Korp li jieħu tali deċiżjoni huwa indipendenti minn dak illi fil-fatt jagħmel l-allegazzjoni oriġinali.*

*Tipprova kemm tipprova, l-Korp żgur ma jistax jitqies bħala indipendenti u imparzjali, ċertament qatt ma jista jiġi kkunsidrat indipendenti minnu nnifsu, jew imparzjali bil-mod ta' kif jikkonkludi l-ħtija meta jkun huwa li jivvalida l-investigazzjonijiet tiegħu stess. Bl-istess mod, il-proċess investigattiv quddiem il-Korp żgur ma jiżgurax dritt ta' smigħ xieraq. Nonostante l-fatt li l-Korp bl-ebda mod mhu awtonomu jew imparzjali, u nonostante l-fatt li persuna suġġetta li tiġi affaċċjata bi proċeduri amministrattivi quddiem il-Korp bl-ebda mod ma jista' jingħata smigħ xieraq, il-Korp jiġi mogħni poteri kbar u diskrezzjonarji biex jimponi sanzjonijiet u multi kbar u punittivi.*

19. *Fil-fatt il-pieni li jiġu mposti mill-Korp huma tali li ma jeċċedux €5,000,000, darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-kontravvenzjoni, jew 10% tat-*turnover *tal-persuna li hija suġġetta għall-multa amministrattiva. Ai termini tar-Regolamenti imbagħad, fil-każ ta' persuna suġġetta li tkun qegħda twettaq xi attività rilevanti (il-Korp ma jistgħax jimponi piena amministrattiva li teċċedi miljun euro (€1,000,000) jew, meta l-benefiċċju li jinkiseb minn dik il-kontravvenzjoni jista' jiġi kwantifikat, li tkun iżjed minn darbtejn l-ammont tal-benefiċċju hekk miksub (fn. 14: Regolament 21(b)(1) tar-Regolamenti). Dawn il-pieni għandhom jiġu mposti skont il-politika u l-proċedura mfassla mill-Korp minn żmien għal żmien (fatt ieħor li jkompli jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza) (fn. 15: Artikolu 13 tal-Att) liema politika u proċedura ma tiġix pubblikata u l-Korp anqas ma jġibhom a konjizzjoni ta' persuni suġġetti bħal Trive.*

20. *Abbażi ta' dan il-fatt biss, jirriżulta li hemm akkuża kriminali li qed tiġi determinata minn persuna li la hi Qorti jew tribunal u wisq anqas hija indipendenti u imparzjali, u għaldaqstant dan huwa bi ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Il-fatt li hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bl-ebda mod ma jista' jissana dan il-ksur għaliex l-Artikolu 39(1) jirrikjedi li kull mill-mument tal-akkuża, il-persuna tingħata smigħ xieraq quddiem Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa bil-liġi. Hawn meta persuna*

*jiġi investigat u akkużat, hemm proċeduri mistura u mhux trasparenti li ssir biss mill-korp li jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u mħallef fl-istess ħin sabiex jasal għad-deċiżjoni li hemm multa li għandha tiġi mposta. Dan il-proċess huwa wieħed li jmur kontra l-Kostituzzjoni.*

21. *Fi kliem ieħor, jekk wieħed għal forza tal-argument irid jagħmel parallel ma' reati penali aktar tradizzjonali, dan huwa l-istess daqs li kieku l-pulizija jkollha l-poter li wara investigazzjoni però mingħajr ebda proċess ġudizzjarju tikkundanna lil persuna għal-ħtija.*

22. *Dan ġie fil-fatt konfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza ta'* Phoenix *fejn (għalkemm din is-sentenza għadha m'hix* res judicata*) l-Qorti sabet illi:*

> "Filwaqt illi huwa minnu illi fit-termini tal-Artikolu 13A tal-Kap 373, persuna suġġetta illi fuqha tiġi imposta piena amminsitrattiva għandha dritt illi tirrikorri fil-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) sabiex tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi, u kif ukoll fuq il-mertu, din il-Qorti tqis illi dan ma jinnewtralizzax u ma jissanax l-anti-kostituzzjonalità tal-proċeduri quddiem l-FIAU. Dan stante illi l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jagħmilha ċara illi d-dritt kontemplat fl-istess artikolu jibda jiskatta minn "meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali", u mhux wara illi tkun ġia ngħatat id-deċiżjoni minn entità illi mhix Qorti fit-termini tal-Kap 12;
>
> 57. Għaldaqstant, a bażi ta' dan il-punt, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Artikolu 13(2) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-LS 373.01 jilledu d-dritt fundamentali tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq kif protett mill-"Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;"

<u>L-appell li jingħata skont l-Att lil persuna suġġetta mhuwiex rimedju adegwat biex jassigura d-dritt ta' smigħ xieraq</u>

23. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk wieħed jieħu l-interpretazzjoni iktar laxka li taddotta l-QEBD milli dik tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-* Phoenix, Federation of Estate Agencies *u* Thake, *u ċioè, li jekk hemm ċertu leżjonijiet ta' dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri amministrattivi quddiem il-Korp dawn jistgħu jiġu ssanati iktar tard fl-istadju tal-appell li jittenta jipprovdi għal dritt ta' smigħ xieraq, jiġi umilment sottomess li d-dritt tal-appell mogħti lil Trive skont l-Att mhuwiex biżżejjed sabiex jipproteġi, jissalvagwardja u jissodisfa d-dritt ta' smigħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.*

24. *L-Att jipprovdi li d-Deċiżjoni tal-Korp, kif ukoll l-impożizzjoni ta' multa, ai termini tal-Att jew tar-Regolamenti, tista' tiġi appellata skont l-Artikolu 13A. L-appell jista' jsir kemm fuq il-fatti kif ukoll fuq punt ta' dritt. Analiżi superfiċjali ta' din id-dispożizzjoni jwassal biex wieħed mad-daqqa t'għajn jgħid li għalhekk ma hemm l-ebda leżjoni u li appellant jista' jistaqsi għar-reviżjoni kemm fuq punt ta' dritt kif ukoll fuq konsiderazzjoni ta' fatti. Meta però wieħed jikkonsidra l-mod kif il-liġi tippermetti li jsir dan l-appell, jirriżulta li l-liġi hija mankanti u r-rimedju li tipproponi jirriżulta insuffiċjenti. L-appell jiġi rregolat skont id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap 12 li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-appell ċivili. Il-proċedura tal-appell, però, skont kif regolata mil-liġi mhix tali biex tissanzjona l-ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri li saru quddiem il-Korp. L-appell li jista' jsir skont l-Att, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 li jirregolaw il-proċedura tal-appell, ma jirriżultawx fil-possibilità ta' Qorti li b'mod sħiħ tista' tikkonsidra u tiddetermina l-akkuża kriminali.*

25. *Dan għas-segwenti raġunijiet:*

25.1 *Il-proċedura tal-appell, fil-Kap 12 hija regolata b'mod strett u ma tixbaħx il-proċeduri fil-Prim'Istanza meta wieħed jibda proċeduri legali u jkollu d-dritt iressaq il-provi, jistaqsi għall-produzzjoni ta' dokumenti li m'għandux fil-pussess tiegħu, jagħmel kontroeżamijiet u sottomissjonijiet ulterjuri.*

25.2 *Fl-appell il-proċeduri bil-miktub jingħalqu mal-preżentata tar-rikors tal-appell u r-risposta. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-Appell tista' tippermetti, lil waħda mill-partijiet, li tippreżenta skrittura oħra. (fn. 16: Artikolu 147 tal-Kap. 12)*

25.3 *Kull dokument rilevanti għall-appell għandu jiġi mehmuż mar-rikors tal-appell. (fn. 17: Artikolu 145 tal-Kap. 12) Kwalunkwe dokument ieħor li ma ġiex ippreżentat mar-rikors tal-appell jista' jiġi ppreżentat biss f'każijiet limitati u eċċezzjonali li huma mniżżlin fl-Artikolu 150 tal-Kap 12 u dan biss bl-awtorizazzjoni speċifika tal-Qorti.*

25.4 *Bħala regola, fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell, ma jistgħux jinġiebu xhieda. Xhieda huma aċċettati biss f'dawk l-istanzi speċifiċi tal-Artikolu 208 tal-Kap 12. (fn. 18 (a) meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha; jew (b) meta, bil-ġurament jew b'mezzi oħra, jiġi ppruvat li l-parti li trid iġġib ix-xhieda ta' dak ix-xhud ma kinitx taf biha, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġib dak ix-xhud fil-qorti tal-ewwel grad; jew (ċ) meta t-talba biex tinġieb ix-xhieda ta' dak ix-xhud tkun saret u ġiet miċħuda quddiem il-qorti tal-ewwel grad, u l-qorti*

*fi grad ta' appell tkun ta' fehma li dik ix-xhieda hija ammissibbli u rilevanti; jew (d) meta l-qorti fi grad ta' appell hija ta' fehma li x-xiehda ta' dak ix-xhud hija meħtieġa jew utili)*

25.5 *F'dawn il-proċeduri tal-appell, anke jekk ikun konċess li jitressqu l-provi, tkun l-appellanta (u cioè l-persuna imputata) li trid tipprova l-innoċenza tagħha u tressaq il-provi hi stess, minflok ma jkollok l-awtorità pubblika li tipprova hi stess li hemm responsabblità ta' ksur. B'hekk jinqaleb l-oneru tal-prova li immedjtament ipoġġi lill-appellant fi żvantaġġ insormontabbli.*

25.6 *Il-Qorti tal-Appell hija biss Qorti ta' reviżjoni u mhux Qorti li tista' tikkonsidra l-kwistjonijiet kollha li għandha quddiemha mill-bidu nett. Il-Qorti tal-Appell, skont il-ġurisprudenza, m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' dak li ħa l-ewwel deċiżjoni fil-prim'istanza, u għandha biss tikkonsidra interpretazzjoni differenti tal-fatti jekk hemm raġunijiet gravi biżżejjed jew jekk il-parti kkonċernata ser tkun ppreġudikata gravement bl-interpretazzjoni tal-fatti.*

25.7 *Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell huma proċeduri qosra – ġeneralment, huma proċeduri fejn isiru biss żewġ seduti jew tlieta. Addizzjonalment, skont l-Artikolu 13A tal-Att, l-appell għandu jinstema' u jiġi deċiż fiż-żmien 6 xhur biss mill-ewwel seduta tal-appell u ma jista' jkun hemm ebda estenzjoni ta' dan it-terminu ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għar-raġunijiet eċċezzjonali ġustifikati.*

26. *Huwa essenzjali li l-liġi awtomatikament tagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Appell li tagħmel determinazzjoni finali u dan wara li:*

   a. *tagħmel apprezzament komplet tal-fatti u l-liġi rilevanti;*
   b. *ikollha aċċess komplet u sħiħ għall-file intern tal-Korp li jkun fih kull dokumentazzjoni, informazzjoni, konsiderazzjonijiet interni li għamel il-Korp fir-rigward tas-soċjetà akkużata bir-reat amministrattiv;*
   c. *tisma' x-xhieda kollha li għandhom il-partijiet u li tista' tkun rilevanti f'dawn il-proċeduri u mhux tkun ristretta għall-provvedimenti tal-Kap 12 f'dan ir-rigward.*

27. *Anki jekk bħala fatt il-Qorti tal-Appell, f'każijiet partikolari, tikkonċedi dan kollu fil-proċess tal-appell, dan ma jista' qatt jissana il-pożizzjoni defiċjenti tal-liġi. Hija il-liġi li għandha tipprovdi għal din il-protezzjoni u mhux id-diskrezzjoni tal-Qorti li qiegħda tippresjedi xi appell partikolari. Din proprju m'għandix u ma tistax tkun mera konċessjoni tal-Imħallef li qiegħed jippresjedi, iżda dritt fondamentali, dritt fil-fatt protett mill-Kostitizzjoni. Iċ-*

*ċertezza tad-dritt u tal-protezzjoni tad-dritt huma essenzjali fl-ambitu ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u m'għandhom qatt jiddependu fuq l-eżerċizzju min ġudikant ta' diskrezzjoni li tippermettilu l-liġi. In* ogni caso *jirriżulta pależement ċar li l-elementi fil-paragrafi 25.5 u 25.6 xorta żgur jissussitu hawn.*

28. *Għar-raġunijiet kif espost fil-paragrafi 4 sa 7, Trive ma appellatx mid-Deċiżjoni. Madanakollu mis-suespost jirriżulta li, anke jekk Trive fil-fatt appellat mid-Deċiżjoni, dan il-proċess tal-appell abbażi tal-Att, ma kienx wieħed li jipproteġi d-drittijiet tagħha skont l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u ma seta' qatt jissana l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali.*

<u>Il-ksur ta' dritt tal-parità tal-armi</u>

29. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, Trive tissottometti ukoll li hemm elementi oħra fil-liġi li jwasslu sabiex f'dan il-każ ma hemm l-ebda parità tal-armi. Nibdew l-ewwel bid-dritt ta' non-inkriminazzjoni li hu leż bid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti.*

30. *F'Saunders v United Kingdom, il-QEDB qalet illi:*

> "It considers that the general requirements of fairness contained in Article 6, including the right not to incriminate oneself, apply to criminal proceedings in respect of all types of criminal offences without distinction from the most simple to the most complex. The public interest cannot be invoked to justify the use of answers compulsorily obtained in a non-judicial investigation to incriminate the accused during the trial proceedings." (fn. 19: Para. 74)

31. *Isegwi allura illi r-Regolament 21 tar-Regolamenti kjarament jikser d-drittijiet ta' Trive għal smigħ xieraq kif protetti minn Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. L-impożizzjoni ta' multi ta' din in-natura hija tali illi tista' biss twassal biex tisforza lil Trive (dak iż-żmien magħrufa bħala AFKX) biex tagħti kull informazzjoni mitluba f'investigazzjoni. Il-multi huma ta' natura punittiva, jistgħu jiġu applikati b'mod wiesgħa ħafna skont id-diskrezzjoni tal-Korp (li huwa l-istess uffiċjal li jinvestiga u wkoll jiddeċiedi jekk hemmx ksur jew le) u barra minn hekk huma eċċessivi u possibilment debilitanti. Dan jitfa' lil kull intrapriża fi żvantaġġ għall-preġudizzju tal-prinċipju tal-*equality of arms *u d-dritt li wieħed ma jitfax ħtija fuqu. Dawn id-dispożizzjonjiet huma totalment opposti għal dak id-dritt – fis-sens illi l-persuna li qed tiġi investigata mhix mogħtija għażla dwar x'tip ta'*

*informazzjoni tista' tipprovdi liberament lill-awtorità investiganti jew jekk tabilħaqq, ma tridx tipprovdi affattu tali informazzjoni. Għall-kuntrarju, persuna suġġetta investigata tispiċċa dahra mal-ħajt u minħabba n-natura punitiva tal-liġi, tiġi mġiegħla tipprovdi informazzjoni li tista' twassalha biex tinkrimina ruħha.*

32. *Inoltre Trive tissottometti li hemm in-nuqqas tal-parità tal-armi anke fir-rigward ta' termini. Il-Korp għandu diskrezzjoni assoluta fir-rigward tat-termini tiegħu meta jwettaq investigazzjoni, u kemm jista' jdum jinvestiga biex jikkonkludi rapport u jagħti deċiżjoni. Il-Korp jista' jaħdem kif u meta konvenjenti għalih u jieħu ż-żmien kollu neċessarju biex jiddelibera u joħroġ deċiżjoni finali. Min-naħa l-oħra, Trive kienet marbuta bit-termini limitati konċessi lilha mill-Korp u termini ffissati fid-diskrezzjoni tal-Korp. Jekk ma tissodisfax dawk it-termini, l-Korp seta' jimponi multa amministrattiva fuqha. Umbagħad, wara li l-Korp jieħu ż-żmien kollu biex joħroġ id-Deċiżjoni, Trive għandha biss għoxrin jum biex tippreżenta l-appell tagħha. Dan kollu mingħajr ma għandha aċċess għall-*files *li jikkonċernawha u li qegħdin f'idejn il-Korp.*

33. *Tant hu minnu illi t-terminu konċess lil Trive sabiex tappella ma huwiex adegwat, li Trive ma kinitx f'pożizzjoni li tevalwa sew il-mertu tad-Deċiżjoni. Dan minħabba li, kif spjegat fuq, id-Deċiżjoni ittieħdet wara* Compliance Examination *li sar numru ta' snin ilu, qabel Mercury ġiet akkwistata minn Trive BV (Dak iż-żmien Trive kienet taħt tmexxija differenti u kienet magħrufa bħala AFKX). Għalhekk, it-tmexxija l-ġdida ta' Trive setgħet qatt tevalwa, f'għoxrin jum biss, il-kontenut ta' Deċiżjoni li ma kellha ebda involvement fiha.*

34. *Għal dawn ir-raġunijiet kollha, Trive tissottometti li jirriżulta biċ-ċar li d-drittijiet tagħha kif sanċiti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni qed jiġu leżi.*

35. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, Trive tissottometti umilment illi l-proċess ta'* compliance review/*investigazzjoni adottat mill-Korp, jikser id-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti minn Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża. Dan għaliex, ai termini ta' dawn l-artikoli kull min huwa akkużat b'reat għandu jiġi infurmat, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat u għandu jkollu żmien u faċilitajiet xierqa sabiex jiddefendi ruħu.*

***Ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni***

36. *Trive ukoll tgħid li mid-Deċiżjoni jirriżulta li hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.*

37. *Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, ir-Regolamenti u l-*Implementing Procedures *għandhom ikunu ċari u m'għandhom iħallu ebda dubbju dwar kif iċ-ċittadin jista' jonora l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-liġi. L-ebda awtorità pubblika m'għandha żżomm ċittadin responsabbli ta' ksur ta' regolament li jwassal għal multi ta' natura sostanzjali, addiritura ta' natura penali, mingħajr ma jkun hemm ksur ta' liġi jew regolament li jimponu obbligu ċar, u fejn il-liġi tħalli diskrezzjoni dwar kif għandu jew jista' persuna jonora l-obbligi mposti fuqu mil-liġi allura il-benefiċċju tad-dubju għandu f'kull każ ikun favur iċ-ċittadin.*

38. F'Camilleri v Malta *(fn. 20 QEBD, Każ numru 42931/10, 22 ta' Jannar 2013, para 34-35; ara wkoll Varvara v Italy 47475/09, G.I.E.M S.r.l and others v Italy Nos 1828/-6) il-QEBD stabbiliet li*

> "The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen nulla poena sine lege). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requierment is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (Scoppola v Italy (no. 2) 10249/03 (17 September 2009)
>
> When speaking of "law" Article 7 alludes to the very same concept as that to which the Convention refers elsewhere when using that term, a concept which comprises statute law as well as case-law and implies qualitative requirements must be satisfied as regards both the definition of an offence and the penalty the offence in question carries (see Kafkaris, 12 February 2008). An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assitance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be impsoed for the act and/or omission."

39. *Għaldaqstant, liġi li tista' timponi xi forma ta' sanzjoni ta' natura kriminali trid tkun ċara u għandu jkollha bilfors element ta'* foreseeability *fejn persuna tkun tista' tifhem b'mod ċar x'inhi ir-responsabblità tagħha u xi dmirijiet legali*

*għandha sabiex ma tiġix responsabbli ta' ksur ta' dik id-dispożizzjoni. Filwaqt li fil-qasam tradizzjonali ta' akkużi kriminali (hekk imsejjħa* hard core*) hemm bżonn ukoll ta' dak li l-QEBD tiddeskrivih bħala l-'*mental link*' jew aħjar il-*mens rea *(kif komunament nirreferu għalih f'Malta, għall-finijiet ta'* soft core criminal offences*, bħala huma dawk li jaqgħu taħt l-Att u r-Regolamenti, ma hemmx neċessarjament bżonn il-*mens rea *sal-livell meħtieġ għall-offiżi kriminali* hard core *(fn. 21: G.I.E.M. S.R.L. and Others v. Italy) Madanakollu, dejjem hemm bżonn ta' ċarezza fil-liġi ta' x'jista' jikkostitwixxi offiża kriminali u l-liġi trid tiżgura li s-sejbin ta' ħtija ta' akkuża kriminali mhix waħda arbitrarja.*

40. *Trive tissottometti li l-maġġor parti tas-sejbien ta' ksur fid-Deċiżjoni, huma bbażati fuq interpretazzjoni suġġettiva għall-aħħar ta' regoli ġenerali kontenuti fir-Regolamenti u l-Implementing Procedures, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.*

***It-Talbiet***

41. *Għal dawn ir-raġunijiet, jgħidu għalhekk l-intimati l-għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

   a. *Tiddikjara li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13Ċ u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Trive hekk kif protetti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni; u/jew*

   b. *Tiddikjara konsegwentement li l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13Ċ u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti huma nulli u bla effett u/jew m'għandhom l-ebda applikazzjoni jew effett fil-konfront ta' Trive; u/jew*

   c. *Tiddikjara ukoll li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, jilledi l-Artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni u/jew l-Artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni; u/jew*

   d. *Tiddikjara li l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew ċertu disposizzjonijiet tar-Regolamenti u/jew l-*Implementing Procedures *abbażi tal-liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew*

   e. *Tiddikjara li d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u l-mod kif iddeċieda l-Korp jilledi l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;*

f. *Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta'* compliance *li għamlu l-Korp; u/jew*

g. *Tiddikjara nulli u inattendibbli id-Deċiżjoni, jew parti minnha, u tħassarha kollha jew* in parte*; u/jew*

h. *Tiddikjara li Trive għandha tirċievi mingħand il-Korp rifużjoni tal-Multa; u/jew*

i. *Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni, inklużi danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti; u/jew*

j. *Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun".*

2. Rat ir-risposta tal-intimat **l-Avukat tal-Istat** ippreżentata fil-21 ta' April, 2021, fejn wieġeb kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

*Preliminari*

*1. Illi preliminarjament, azzjoni dwar validità o meno ta' liġi ma tistax tintalab permezz ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali iżda permezz ta' kawża ntavolata taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni* (actio popularis) *u huwa għalhekk li t-talbiet għal nullità u invalaidità tal-liġijiet imsemmija mill-kumpannija rikorrenti huma improponibbli u mhumiex permissibbli f'tali proċeduri;*

*2. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-artikolu 39(1) (fn. 1: Dan ġie ukoll ikkonfermat minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża <u>Keith Schembri et vs Avukat Ġenerali et</u> deċiża nhar it-23 ta' April 2021) u 39(6) tal-Kostituzzjoni huma mproponibbli peress li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri ta' tali artikoli ġaladarba l-ilment tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali li ġew fi tmiemhom. L-artikoli 12A, u /jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13Ċ u/jew 18, u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tiddikjara dawk il-liġijiet u/jew il-*

*proċeduri amministrattivi bħala leżivi tad-drittijiet fundamentali tagħha. Dan wisq iżjed meta l-entità tal-penali hija proporzjonata mal-periklu u l-ħsara li dik il-penali hija intiża li tevita. Huwa ċar li ma tistax tikkombatti l-periklu tal-ħasil tal-flus b'multi ta' tletin jew ta' tliet mitt Euro u l-applikazzjoni ta' multi amministrttivi fjakki f'dan il-qasam, ikun ta' inċentiv għall-ħasil ta' flus minflok diżinċentiv;*

*2.2 L-artikolu 13B jipprovdi li piena amministrattiva tkun tista' tinġabar bħala* ***dejn ċivili*** *u l-avviż bil-miktub notifikat permezz ta' att ġudizzjarju ikun jikkostitwixxi* ***titolu eżekuttiv taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta****. Dan jgħodd ukoll għal meta jkun hemm appell mill-persuna suġġetta u b'deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell. L-esponenti iqis li, kieku l-multa amministrattiva kienet meqjusa bħala kriminali kif qed issostni l-kumpannija rikorrenti,* ***tali multa kienet tkun tista' tiġi konvertita f'ħabs u mhux titqies bħala dejn ċivili.*** *Tajjeb li ngħidu li din il-multa tapplika kemm għal meta l-persuna suġġetta tkun persuna fiżika, kif ukoll meta l-persuna suġġetta tkun kumpannija bħal fil-każ preżenti. Kieku ikun mod ieħor, kieku fil-każ ta' kumpannija tingħata multa, u fil-każ ta' persuna fiżika tingħata multa li tista' tiġi konvertita f'ħabs - iżda dan assolutament mhux il-każ. Għalhekk, il-fatt li l-liġi Maltija tikklassifika tali multa amministrattiva bħala ċivili jirriżulta ukoll ċar mill-appell li jista' jiġi ntavolat minn min ma jaqbilx mad-deċiżjoni maħruġa mill-Korp fil-konfront tiegħu -* ***l-appell huwa ċivili u jsir quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili u mhux quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali****. Din id-distinzjoni żgur li m'għandhiex tiġi skartata.*

*2.3 Illi għalhekk l-esponent jirrileva li huwa l-artikolu 39(2) li għandu japplika għall-każ preżenti u żgur mhux l-artikolu 39(1), f'liema każ, l-artikolu 39(2) jitkellem dwar* "l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili". *Japplikaw imbagħad għalhekk id-disposizzjonijiet rilevanti iżda mhux dawk rigwardanti persuni akkużati b'reati kriminali;*

*3. Illi l-kumpannija rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordnarji li kellha a disposizzjoni tagħha. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex* *tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha* *u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi* ai termini *ta' dawn l-artikoli;*

*Mertu*

*4. Illi* *mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti**, it-talbiet fil-mertu tal-kumpannija rikorrenti għandhom jiġu miċħuda* in toto *fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti* ai termini *tal-Artikolu 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6§1, 6§3 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-*

*Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati* *<u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:*

*5. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni bis-setgħa li jissuperviżjona l-persuni soġġetti u jara li qed jimxu skont il-liġi u r-regolamenti fl-ambitu amministrattiv tagħhom. Il-proċedura li jħaddem il-Korp mhix investigazzjoni iżda hija superviżjoni. Superviżjoni ma tiskattax minn suspett iżda kull persuna suġġetta xi darba jew oħra ser tkun suġġetta għas-superviżjoni eżerċitata mill-Korp. Min-naħa tagħhom imbagħad, il-persuni soġġetti għandhom juru li huma qed jimxu skont ir-regolamenti u li qed jagħmlu l-verifiki kollha u d-*due diligence *kif rikjesta mil-liġi fuq il-klijenti tagħhom. Huwa fatt ukoll li l-Korp imbagħad joħroġ sanzjonijiet amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus, iżda kif joħroġ ċar mil-liġi, dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi akkużi dwar reati kriminali;*

*6.* ***Illi <u>multa amministrattiva ma tistax titqies</u>*** **<u>in vacuo</u>** ***<u>iżda trid tittieħed fil-kuntest</u> ta' dinja kummerċjali, fid-dawl tas-servizzi partikolari li toffri l-kumpannija appellata, fid-dawl ta' liema obbligi ġew miksura mill-kumpannija****, kif ukoll* ***tal-profitt tal-kumpannija, fejn il-profitti f'dan il-kamp partikolari jkunu fenomenali,*** *u għalhekk l-obbligi u l-konsegwenzi jsiru iktar onerużi u gravużi biex jikkontrobilanċjaw l-inċentiv għall-abbuż. Meta l-Korp, li jkollu viżibilità ta' kollox, jiġi biex joħroġ multa, jieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi wkoll kif huwa fil-fatt obbligat li jagħmel mill-Kap. 373, u mbagħad japplika l-liġi. Fis-sewwa, anki fid-dawl tad-Direttiva li fuqha ġiet imfassla l-liġi tagħna, il-Kap. 373 jobbliga lill-Korp li jimponi multi effettivi u dissważivi li mingħajrhom il-proċess kollu ta'nfurzar tal-liġi jiġi reż ineffettiv u merament simboliku - il-fatt li multa hija effettiva u dissważiva ma jfissirx li l-multa hija ta' natura kriminali iżda għall-kuntrarju tibqa' konsegwenza amministrattiva u mertu ta' azzjoni ċivili;*

*7. Illi hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, meta wieħed jeżamina l-liġi Maltija u jixtarr l-artikoli tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, tidher ċara wkoll* ***id-distinzjoni bejn il-proċeduri kriminali li jiġu mmexxija mill-Pulizija u l-proċeduri amministrattivi li huma mmexxijin mill-Korp. Fil-fatt, anki l-pożizzjonament mil-leġislatur tal-artikoli rilevanti juru kemm din id-distinzjoni hija fundamentali għall-Kap. 373. Għalhekk, naraw kif fl-ewwel Taqsima tal-Kap. 373, l-artikoli minn 3 sa 11A huma ddominati mill-proċeduri kriminali; iżda mbagħad huwa l-artikolu 13 li jifred is-sanzjonijiet kriminali (li jinkludu multi u priġunerija)***

***mogħtija minn Qorti (l-artikolu 13(1)(a)*** *(fn. 2: "...*sanzjonijiet kriminali hekk imposti m'għandhomx ikunu ta' iżjed minn multa ta' miljun euro (€1,000,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien kif stipulat fir-regoli jew regolamenti involuti."*)* ***mill-pieni amministrattivi mposti mill-Korp (l-artikolu 13(1)(b)*** *(fn. 3 "...*pieni amministrattivi hekk mposti m'għandhomx ikunu iżjed minn: (i) ħames miljun euro (€5,000,000); jew (ii) darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-kontravvenzjoni, ksur jew nuqqas ta' tħaris, meta dan ikun jista' jiġi stabbilit; jew (iii) għaxra fil-mija (10%) tal-fatturat annwali totali kif joħroġ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji approvati u disponibbli l-aktar reċenti.") ***u dan skont il-prinċipju:*** **ubi lex voluit dixit**;

*8. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina* - A verbis legis non est recedendum*;*

*9. Illi b'referenza għall-artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta'* "hard core of criminal law" *u "*cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*";*

*10. Illi l-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "*hard core of criminal law*", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Iżvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003). Fis-sentenza deċiża mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet Vegotex international S.A. v. Belgium (*Application no. 49812/09), *ġie mgħallem kif ġej:*

> "75. The Court will also have regard to the fact that the present case concerns tax proceedings. Unlike criminal fines in the strict sense, a sum due by way of a tax penalty represents in a sense an extension of the tax debt, since it is

calculated on the basis of that debt. In the instant case the tax surcharge, in accordance with the applicable legislation (see paragraph 35 above), constituted a percentage of the unpaid tax.

76. Furthermore, in accordance with the case-law of the Court, as tax surcharges differ from the hard core of criminal law, the guarantees of Article 6 do not necessarily apply with their full stringency (see Jussila, cited above, § 43; see also, to similar effect, Segame SA v. France, no. 4837/06 §§ 56-60, ECHR 2012 (extracts); Chap Ltd v. Armenia, no. 15485/09, §§ 41 and 44, 4 May 2017; and, from the standpoint of Article 4 of Protocol No. 7, A and B v. Norway cited above, § 133)."

*11. Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu, kif proprju ġara f'dan il-każ;*

*12. Illi minn eżami tar-rikors promotur, jidher li l-kumpannija rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tqis li kull darba li l-Korp jeżerċita l-funzjoni regolatorja tiegħu billi jistħarreġ dwar, jew jitlob informazzjoni lil persuna suġġetta, il-Korp ikun qiegħed jirrivolġi akkuża kriminali kontra dik il-persuna suġġetta u b'hekk jiskattaw id-drittijiet u s-salvagwardji kollha applikabbli għal persuna taħt investigazzjoni kriminali, inkluż id-dritt għas-silenzju. Huwa evidenti illi meta si tratta ta' eżiġenzi regolatorji ta' natura amministrattiva (bħal per eżempju dokumenti li juru li saret* 'due diligence' *dwar il-klijenti) tali lmenti min-naħa tal-kumpannija rikorrenti ma jreġux u mhumiex kompatibbli mal-eżistenza nnifisha tal-Korp intimat;*

*13. Illi l-fatt li l-Korp intimat huwa maqsum f'sezzjonijiet speċjalizzati li jaħdmu b'mod indipendenti minn xulxin għandu jissodisfa dak li huwa meħtieġ sabiex tittieħed deċiżjoni **f'dak l-istadju**. Fil-proċess li jwassal għad-deċiżjoni tiegħu, **il-Korp jirrispetta d-dettami kollha tal-ġustizzja naturali, jisma' x'għandu xi jgħid min hu indizjat, jagħtih opportunità li jressaq il-provi tiegħu u illi jimpunja l-provi mressqa kontra tiegħu u li jagħmel sottomissjonijiet. Min jiddeċiedi dwar l-impożizzjoni ta' sanzjoni m'huwiex l-istess persuna li tkun eżaminat u ġabet il-każ 'il quddiem u għalhekk hemm separazzjoni bejn min 'jipprosegwixxi' u min 'jiġġudika'**. Di più, il-proċess li jsir mill-Korp ma jwassalx għall-impożizzjoni ta' multa eżegwibbli. Huwa l-Kap. 373 li*

*jipprovdi b'mod inekwivoku illi kull multa amministrattiva deċiża mill-Korp li tkun ta' ċerta portata trid, salv l-aċċettazzjoni tramite nuqqas ta' appell jew ħlas, tiġi mposta mill-Qorti biex tkun eżegwibbli.*

*14. Illi l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni assolutament ma japplikawx għall-każ tal-lum għaliex, apparti li ma hemm involut l-ebda reat kriminali, minn qari tal-artikoli jidher ċar li dawn jipprovdu għal każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in diżamina;*

*15. Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mill-kumpannija rikorrenti u kif tmexxa l-proċess ta' superviżjoni li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu (mhux appellata), ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti u għalhekk ċertament li tali deċiżjoni finali hija valida u għandha tiġi nfurzata. Konsegwentement, l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpannija rikorrenti;*

*16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpannija rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u dan bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija rikorrenti."*

3. Rat ukoll it-tweġiba tal-**Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja** [minn issa 'il quddiem 'il-Korp intimat'] tal-15 ta' Settembru, 2023, li jgħid kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi in via preliminari l-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tagħha a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' liġi, iżda anki fuq il-mertu tad-deċiżjoni tal-Korp. Ir-rikorrenti kellha qabel xejn tirrikorri għar-rimedju ordinarju li ttieha l-liġi ordinarja tal-pajjiż u mhux tibqa' passiva u tħalli t-terminu tal-appell jiskadi u issa tippretendi li tingħata rimedju straordinarju bil-preżenti proċeduri.*

   *Għaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u*

*konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw l-*provisos *tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti qiegħda tippretendi li, fil-kors tal-kawża odjerna, din l-Onorabbli Qorti tqis jekk il-Korp esponent interpretax u applikax il-Liġi korrettement fid-deċiżjoni tiegħu. Din hija kwistjoni ta' liġi ordinarja u taqa' fl-ambitu tal-appell skont l-imsemmi artikolu 13A. Ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li, wara li naqset milli tressaq appell skont il-Liġi quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) biex jiġi eżaminat il-mertu tad-deċizjoni, issa tittanta titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex teżamina l-mertu tad-deċiżjoni tal-Korp. Effettivament dak li qed tipprova tagħmel ir-rikorrenti huwa illi tirrendi l-proċeduri odjerni bħala xi forma ta' appell li ma joħroġx mil-Liġi.*

   *Għalhekk ukoll il-Korp esponent bl-akbar rispett jissottometti illi, ladarba kien hemm rimedju ordinarju li r-rikorrenti għażlet li ma tutilizzax, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw l-*provisos *tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla billi r-rikorrenti effettivament irrinunzjat għall-prezenti azzjoni meta aċċettat id-deċiżjoni tal-Korp u għażlet li tħallas il-piena amministrattiva nhar it-3 ta' Mejju, 2023.* ***Dak il-ħlas kien sar mingħajr ebda riżerva kwalunkwe****. Ġimgħat wara li sar il-ħlas, ir-rikorrenti bagħtet ittra lill-esponent fejn aġġornatu bil-passi rimedjali meħuda minnha u f'dak il-punt irriżervat id-drittijiet tagħha. Dik ir-riżerva saret esklussivament b'referenza għar-*remediation plan. *F'dak l-istadju r-rikorrenti kienet diġà aċċettat id-deċiżjoni tal-Korp u b'hekk effettivament kienet irrinunzjat għal kwalunkwe azzjoni fir-rigward tal-istess. Għalhekk meta saret ir-riżerva, ma kien għad hemm ebda dritt li seta' jiġi riżervat u għaldaqstant dik ir-riżerva, li fi kwalunkwe każ saret limitatament għar-*remediation plan, *ma jista' jkollha ebda effett.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju jiġi eċċepit illi t-talba għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-Liġi (talba b) hija improponibbli f'azzjoni bħal dik odjerna billi din l-azzjoni hija waħda mressqa* ai termini *tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u mhijiex* actio popolaris *taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit illi in kwantu għal-lanjanzi immirati lejn il-Liġi nnifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Liġi u b'mod imparzjali u indipendenti minn kull entità jew awtorità oħra. F'dan is-sens, il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk il-Liġi twassalx għall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tiġi mwieġba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.*

6. *Illi fi kwalsiasi każ u kompletament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ebda disposizzjoni tal-Kap 373, tar-regolamenti sussidjarji jew tal-*Implementing Procedures, *u lanqas id-deċiżjoni tal-Korp jew is-sanzjoni amministrattiva konsegwenti, jew addirittura l-proċess amministrattiv li wassal għall-istess, ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u huma lkoll validi.*

7. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju, għal dak li jirrigwarda kif mexa il-Korp, jiġi eċċepit illi l-Korp esponent ma għamel xejn ħlief mexa mal-Liġi u għalhekk ma jistax jinstab responsabbli ta' xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

8. *Illi fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Liġi tal-Unjoni Ewropea u għalhekk il-leġislatur Malti huwa marbut bir-rekwiżiti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni. F'dan ir-rigward wieħed għandu jqis il-prinċipju ġenerali abbraċċat mill-Qrati Ewropej illi l-Liġi Komunitarja hija preżunta bħala konformi mad-drittijiet fundamentali u fi kwalsiasi każ, japplika il-prinċipju ta' supremazija tal-Liġi Komunitarja. Fil-fatt l-obbligi relattivi u l-inforzar tal-istess huma lkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluż il-Liġi Ewropea kif ġia ingħad, u obbligi internazzjonali oħra inkluż ir-rakkomadazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-*European Banking Authority *u l-*Financial Action Task Force*.*

9. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-artikoli 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni") ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-każ odjern in kwantu tali artikoli jipprovdu esklussivament għall-garanziji fil-kamp kriminali. Il-Korp esponent ma jagħmel l-ebda determinazzjoni ta' dan it-tip billi huwa jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi. Għalhekk ma jista' jkun hemm ebda każ ta' leżjoni tad-*

*drittijiet sanċiti mill-imsemmija artikoli peress li l-garanziji hemm delineati mhumiex applikabbli għall-każ odjern.*

10. *Illi l-proċess adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u l-multa imposta mill-Korp hija waħda amministrattiva. Il-*quantum *tas-sanzjoni m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li għandha tiġi meqjusa meta wieħed jiġi biex jiddetermina in-natura tas-sanzjoni. L-imsemmija sanzjoni la tista' twassal għal restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-persuna, u lanqas tista' tiġi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiża biss bħala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda sanzjoni hekk imposta ma hija konvertibbli fi priġunerija. Il-*quantum *għandu jiġi konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-Persuna Suġġetta relattiva; evidentement sabiex sanzjoni amministrattiva tkun effettiva, jeħtieġ illi jkun hemm element ta' proporzjonalità relattivament għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni.*

11. *Illi inoltre l-Kap 373 u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bħala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.*

12. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni biex jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw kwistjoni penali jew le għall-fini tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-reġim legali tal-Konvenzjoni u dak tal-Kostituzzjoni huma separati u distinti minn xulxin u għandhom implikazzjonijiet għal kollox differenti. Għalhekk it-test applikat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bnidem biex tevalwa din il-kwistjoni għall-fini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhuwiex trasferibbli għad-dritt Kostituzzjonali.*

13. *Illi għalhekk il-garanziji tal-kamp kriminali li qiegħda tipprova tinvoka r-rikorrenti ma jsibux applikabbilità fil-każ odjern u f'dan is-sens ma jista' jkun hemm ebda ksur tal-artikoli 39(1), 39(6) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni in kwantu* si tratta *dwar proċeduri ta' natura amministrattiva.*

14. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, il-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u imparzjali. Il-Korp għandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeċiedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-Persuni*

*Suġġetti u dwar l-imposizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalità u mhux minnu li l-istess persuni qed jaġixxu ta' prosekuzzjoni, ġurija u mħallef fl-istess każ, kif tallega s-soċjetà rikorrenti fir-rikors tagħha. Inoltre l-Korp esponent f'kull stadju ta lir-rikorrenti l-opportunità sħiħa li tiddefendi ruħha u tressaq il-każ tagħha. F'kull stadju, il-Korp esponent attivament involva lis-soċjetà rikorrenti u provdieha bl-informazzjoni dwar il-proċess li kien se jwassal għad-deċiżjoni tiegħu, inkluż bl-involviment tal-istess rikorrenti waqt l-eżami fuq l-operat u billi fornieha b'dettall estensiv qabel ma taha l-opportunità li tressaq ir-rappresentazzjonijiet tagħha, u dan sabiex hija tkun f'posizzjoni li tiddefendi ruħha b'mod effettiv, kif fil-fatt kellha opportunità sħiħa li tagħmel.*

15. *Illi fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Korp esponent jaġixxi bħala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suġġetti sabiex jassigura l-konformità tagħhom mal-obbligi kollha relattivi li huma intiżi sabiex l-imsemmija Persuni Suġġetti ma jiġux utilizzati minn terzi għall-finijiet ta' ħasil ta' flus jew finanzjar ta' terroriżmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Liġi stess, li tirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appożiti f'każ ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp qua Regolatur huwa proprju l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Liġi u l-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu. Għalhekk ukoll il-Korp esponent huwa għal kollox independenti u imparzjali wkoll in kwantu l-unika interess illi huwa għandu huwa proprju l-osservanza tal-Liġi.*

16. *Illi għalhekk ukoll ma jistax jitqies illi kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

17. *Illi fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-Artikolu 13A tal-Kap 373 (fn. 1: 13.(1)* Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva **kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu**. *[enfasi miżjud]) jagħti rimedju adegwat sabiex jiġi assigurat id-dritt tas-smigħ xieraq. A tenur tal-imsemmi Artikolu 13A, il-Persuna Suġġetta li fuqha tkun ġiet inflitta sanzjoni, għandha opportunità li tressaq il-każ* ***kollu*** *tagħha - kemm fuq punti ta' fatti, kif ukoll punti ta' liġi –*

*quddiem Qorti mwaqqfa bil-Liġi u mogħnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalità. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd għal smigħ mill-Qorti tal-Appell hija garanzija suffiċjenti ta' smigħ xieraq fir-rigward tal-multi imposti mill-Korp. Għalhekk ukoll ma jista' jirriżulta ebda ksur, la tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.*

18. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti tagħmel ħafna allegazzjonijiet infondati rigward is-smigħ tal-appell skont l-artikolu 13A. Il-lanjanzi tal-parti f'kawża bħal dik odjerna għandhom jitqiesu fil-kuntest tas-smigħ li tkun nagħtat il-parti fil-kawża tagħha u mhux jiġu eżaminati* in vacuo *jew fuq mera spekolazzjoni. B'danakollu dan ma jistax isir fil-każ odjern għaliex ir-rikorrenti għażlet illi ma tressaq ebda appell mid-deċiżjoni tal-Korp. Dan ifisser illi l-lanjanzi tar-rikorrenti rigward l-appell ma huma xejn għajr spekolazzjoni dwar is-smigħ li setgħet tingħata li kieku mexxiet b'appell skont l-artikolu 13A.*

19. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju, il-fatt li r-rikorrenti seta' kellha diffikoltajiet interni biex tressaq l-appell tagħha ma jneħħi xejn mill-fatt illi l-artikolu 13A jipprovdi appell sħiħ, inkluż fuq il-mod kif l-esponent jeserċita d-diskrezzjoni tiegħu. Id-diffikultajiet interni li seta' kellha r-rikorrenti biex tressaq tali appell huma għal kollox irrilevanti billi fondamentalment twieldu minn bidliet interni fil-kumpannija rikorrenti u mill-verifiki u ż-żamma ta'* records *(jew nuqqas tal-istess) li saru (jew messhom saru) meta ġew affettwati tali bidliet.*

20. *Illi mingħajr preġudizzju l-entità li kienu jinkombu l-obbligi regolatorji fuqha, ossija il-Persuna Suġġetta, dejjem baqgħet l-istess kumpannija rikorrenti u kwalunkwe bidliet li seta' kien hemm fl-azzjonisti jew il-benefiċċjarji tagħha ma jbiddlu xejn minn dan. Wara kollox min xtara l-kumpannija kellu jagħmel il-verifiki u determinazzjonijiet tiegħu biex jiżgura li l-kumpannija kienet konformi mill-aspett regolatorju u n-nuqqas tal-akkwirenti milli jagħmlu dan ċertament illi, la jista' jservi biex jitwaqqaf proċess regolatorju li kien pendenti u li l-kumpannija rikorrenti kienet konoxxenti tiegħu, u wisq anqas ma jista' jiġi attribbwit lill-esponent. Il-Persuna Suġġetta dejjem kienet u baqgħet il-kumpannija rikorrenti reġistrata bin-numru C60473 u dan irrispettivament tal-azzjonisti u benefiċċjarji, jew amministraturi, tagħha.*

21. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, u salv ukoll dak li jingħad aktar 'l isfel f'paragafu 23, assolutament mhux minnu li ir-rikorrenti sofriet*

*xi ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq minħabba xi nuqqas ta' parità tal-armi jew għax ġiet sfurzata tinkrimina ruħha, kif tallega fir-rikors promotur.*

22. *Illi mingħajr preġudizzju r-rikorrenti ngħatat l-opportunità kollha li tressaq il-provi, dokumenti u sottomissjonijiet li dehrilha neċessarji qabel ma l-Korp esponent wasal għad-deċiżjoni tiegħu u għalhekk kellha opportunità sħiħa għal smigħ xieraq. Ir-rikorrenti kienet involuta f'kull stadju tal-proċess u kontrarjament għal dak allegat minnha, ġiet provduta bl-informazzjoni sħiħa biex tkun tista' tiddefendi ruħha b'mod effettiv, inkluż bl-involviment tal-istess rikorrenti waqt il-*compliance review *u billi ġiet fornuta bid-dettall sħiħ dwar il-vjolazzjonijiet potenzjali qabel ma ġiet mitluba tressaq ir-rappreżentazzjonijiet tagħha.*

*Inoltre l-proċess regolatorju jikkonċerna dokumenti tar-rikorrenti stess –* files *li kienu u dejjem baqgħu fil-pussess tar-rikorrenti u għalhekk kellha aċċess sħiħ għall-provi kollha li seta' kellha bżonn. Il-fatt biss li bil-liġi l-Korp esponent għandu s-setgħa li jeżamina l-*files *tal-Persuna Suġġetta sabiex jara jekk dik il-Persuna Suġġetta hix qed taqdi l-obbligi tagħha, ma jfissirx li b'daqshekk ikun seħħ xi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.*

23. *Illi mingħajr preġudizzju fir-rigward tal-allegazzjoni illi r-rikorrenti ġiet sforzata tinkrimina ruħha, jiġi eċċepit qabel xejn illi dak dritt li japplika biss fil-kamp kriminali u għalhekk m'għandux rilevanza għal dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, l-allegazzjoni hija kompletament infondata.*

24. *Illi mingħajr preġudizzju l-Korp jeżerċita l-irwol superviżorju tiegħu, li huwa essenzjali għall-funzjoni tiegħu ta' monitoraġġ tas-settur finanzjarju fil-pajjiż fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Jekk il-Korp jitlob li jara dokumentazzjoni li suppost il-Persuna Suġġetta hija obbligata bil-liġi li żżomm, u l-Persuna Suġġetta tonqos li tforni dik id-dokumentazzjoni jew informazzjoni, il-Korp ma jistax jassumi li dik id-dokumentazzjoni teżisti jekk ma jkunx raha, u stante n-natura regolatorja tal-ksur huwa evidenti li jekk il-Persuna Suġġetta ma tissupplixxix dokument jirriżulta li tkun naqset li tonora l-obbligu legali tagħha li jkollha dak id-dokument. Ma tistax il-Persuna Suġġetta tippretendi li ma tfornix evidenza tal-fatt li hija qed issegwi l-obbligi imposti fuqha mil-liġi, u tippretendi fl-istess ħin li tiġi eżentata mis-sanzjoni jew li jiġi preżunt li hija kienet konformi mal-liġi mingħajr ebda evidenza li verament qdiet l-obbligi tagħha. Jekk il-Persuna Suġġetta tkun imxiet mal-obbligi imposti fuqha bil-*

*liġi, tali obbligu jimponi wkoll li jkollha evidenza f'idejha ta' dak l-istat ta' fatt, u l-fatt li ma tipproduċi ebda evidenza jfisser li l-Korp ma jistax jiddetermina li l-Persuna Suġġetta qdiet l-obbligi tagħha. Għalhekk ir-rikorrenti ma għandhiex raġun tgħid li batiet xi nuqqas ta' parità ta' armi u lanqas li ġiet imġiegħela b'xi mod tinkrimina ruħha (dan apparti li mkien ma wera x'kien ir-reat li suppost inkriminat ruħha bih).*

*Hawnhekk ta' min jirrileva wkoll illi lanqas fi proċeduri li huma strettament penali (ħaġa li l-proċeduri quddiem il-Korp* ***ma humiex****) ma jitqies li ċertu obbligi regolatorji jwasslu għal xi ksur bħal dak li tilmenta minnu r-rikorrenti, aħseb u ara fil-każ odjern li huwa wieħed* ***purament amministrattiv****. Fil-fatt anke fi proċeduri penali bħal per eżempju dawk li jittrattaw ksur tal-obbligi tal-prinċipal (*employer) *fil-qasam tal-*health and safety *il-Qorti hija marbuta li ssib lill-imputat ħati jekk per eżempju ma jkunx għamel* risk assessment *jew jekk dan ir-*risk assessment *ma jkunx adegwat, u b'daqshekk ma jkunx hemm ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq u lanqas ma jfisser li l-Liġi tkun ġabet lill-imputat f'pożizzjoni li jinkrimina ruħu. Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet* The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux *deċiża fl-1 ta' April 2005,* "there may be circumstances in which it is only fair that the onus of proving certain facts, especially facts which lie within the particular knowledge of the accused, should rest on the accused himself". *Żgur għalhekk li jekk lanqas hemm ksur ta' drittijiet fundamentali fejn il-Liġi stess tiddefinixxi l-ksur tal-obbligu bħala reat kriminali (bħal fil-każ tal-*health and safety), *aktar u aktar ma jistax jingħad li fil-każ odjern l-obbligu regolatorju fil-qasam tad-dritt amministrattiv tar-rikorrenti b'xi mod jilledi xi dritt.*

25. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost ir-rikorrenti kellha żmien biżżejjed biex tagħmel is-sottomissjonijiet u tressaq il-provi tagħha. Id-durata tal-proċess superviżorju ma jistax jiġi mqabbel mal-perijodu li l-Persuna Suġġetta tingħata biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha jew biex tintavola l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Korp; addirittura dan tal-aħħar jirriżulta* ex lege. *Wara kollox il-Persuna Suġġetta tkun familjari mal-*files *tagħha stess u għalhekk qieħeda f'pożizzjoni ta' vantaġġ meta mqabbla mal-Korp innifsu li jrid il-ħin biex jevalwa* files *li ma jkunux tiegħu u li ma jkun ra qatt qabel.*

26. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju lanqas ma huwa minnu li t-terminu tal-appell iwassal għal xi nuqqas ta' parità tal-armi. Dak it-terminu mhux biss*

*joħroġ mil-Liġi iżda huwa wkoll in linea ma' varji termini tal-appell fil-Liġi nostrana, inkluż addirittura appell minn kawża bħal dik odjerna. Id-diffikoltà li jidher li kellha r-rikorrenti (skont dak li tgħid fir-rikors promotur) fil-fatt ma kinitx ġejja mit-terminu tal-appell* per se *iżda mill-bidliet interni li saru fil-kumpannija, li jidher li saru mingħajr żamma ta'* records *tal-proċess ta'* compliance *li kien għadu pendenti mal-Korp u li r-rikorrenti kienet taf ben tajjeb bih – tant li kienet parteċipi fih.*

27. *Illi mingħajr preġudizzju mhuwiex minnu li d-dritt ta' appell taħt l-Artikolu 13A tal-Kap 373 iwassal għal xi inverżjoni tal-oneru tal-prova. Fl-istadju tal-appell, il-Korp esponent ikun diġà ressaq il-każ tiegħu fis-sħiħ, kif kontenut fid-deċiżjoni appellata stess u għalhekk, jekk f'dak l-istadju l-Persuna Suġġetta li tkun qiegħda tappella mis-sanzjoni jidhrilha li għandha provi xi tressaq, hija tkun qiegħda twieġeb għall-posizzjoni meħuda mill-Korp ibbażata fuq il-provi kollha miġbura minnu u li jikkostitwixxu l-kontenut tal-*file *intern li jwassal għad-deċiżjoni tal-Korp u li jiġi preżentat quddiem il-Qorti tal-Appell u li huwa disponibbli għall-istess Persuna Suġġetta.*

28. *Illi mingħajr preġudizzju lanqas ma huwa rilevanti t-terminu għad-deċiżjoni tal-Qorti kif stabbilit mil-Liġi; Il-fatt illi l-Liġi tipprovdi għall-proċess spedit bl-ebda mod ma jfisser illi d-dritt għal smigħ xieraq jiġi mittifes. L-argument tar-rikorrenti huwa wieħed spekolattiv u mingħajr bażi; ir-rikorrenti qiegħda tagħmel assunzjonijiet fiergħa dwar dak li jista' jaffettwa l-ħsieb tal-ġudikant. Addirittura a tenur tal-Artikolu 13A(5) tal-Kap 373, dak it-terminu jista' jiġi estiż bil-qbil taż-żewġ partijiet* ***jew*** *mill-Qorti minn jedda għal raġunijiet eċċezzjonali. L-element ta' diskrezzjoni tal-ġudikant jibqa' dejjem essenzjali proprju sabiex ikopri dawk is-sitwazzjonijiet li l-Liġi mhux neċessarjament tkun prevediet, u dan sabiex jiġi aċċertat illi ssir ġustizzja f'kull ċirkostanza.*

29. *Illi kif ġia eċċepit l-Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, ma jsibu ebda applikabbilità fil-kuntest odjern ta' proċeduri amministrattivi billi huma garanziji applikabbli biss fil-qasam penali.*

30. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju, jiġi eċċepit illi r-rikorrenti erronjament tirreferi għall-proċess li wassal għad-deċiżjoni tal-Korp bħala wieħed* "investigattiv" *meta dak il-proċess huwa fil-fatt wieħed* ***superviżorju****. Dak li għamel il-Korp huwa* compliance review *li issir bħala rutina fuq il-Persuni Suġġetti b'mod ġenerali. Dan il-proċess ma jinbediex*

*għax ikun hemm xi suspett iżda merament bħala eżami ta' konformità* ***regolatorju*** *fejn il-Korp jitlob aċċess għall-proċeduri u dokumenti tal-Persuna Suġġetta biex ikun jista' jiddetermina jekk hijiex qiegħda tadderixxi ruħha mal-obbligi tagħha dwar il-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu. F'dak il-punt inizzjali ma kien hemm xejn li l-Korp seta' jinforma lir-rikorrenti bih ħlief li huwa ser jeżamina l-konformità o meno mal-obbligi regolatorji li jinkombu fuqha. Dan kif il-Korp fil-fatt għamel sa mill-punt inizzjali meta avża lir-rikorrenti li ser issir il-*compliance review.

*Sussegwentement il-Korp bagħat l-hekk imsejħa* Potential Breaches Letter, *li dettaljament tiddelinea l-fatti relattivi u tikkwota in-numru estensiv tad-disposizzjonijiet tal-Liġi li kien jidher li ġew miksura. Dik l-ittra tixhed il-fatt li l-kwistjoni kienet serja u r-rikorrenti ma tista' qatt raġonevolment tgħid illi hija ma kellhiex ħjiel tal-gravità tal-vjolazzjonijiet u l-implikazzjonijiet relattivi.*

*Is-sanzjoni eventalment imposta hija entro l-parametri stabbiliti mil-Liġi u mir-regolamenti applikabbli u kwindi r-rikorrenti kellha aċċess u għarfien sħiħ tas-sanzjonijiet li setgħu jigu imposti fuqha. Il-Persuna Suġġetta, bħal kull persuna oħra - hija preżunta li taf il-Liġi u ma tistax tistrieħ fuq nuqqas ta' għarfien tal-Liġi* - ignorantia juris non excusat. *Dan speċjalment fejn si tratta dwar Liġi speċjali li tirregola b'mod partikolari l-kategorija ta' entitajiet jew individwi li jikklassifikaw bħala Persuna Suġġetta in vista tal-attivitajiet li jkunu qiegħdin jeserċitaw.*

31. *Illi mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti kellha wkoll iż-żmien u faċilitajiet xierqa sabiex tiddefendi ruħha.*

32. *Illi għalhekk ukoll assolutament ma kien hemm ebda ksur tal-artikoli 6(3) tal-Konvenzjoni u 39(6)tal-Kostituzzjoni.*

33. *Illi mingħajr preġudizzju jiġi eċċepit ukoll illi ebda disposizzjoni tal-Kap 373, tar-Regolamenti jew tal-*Implementing Procedures *ma tilledi d-dritt fondamentali kif sanċit fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.*

34. *Illi l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea it-tnejn huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u għalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-każ odjern li jikkonċerna multa amministrattiva imposti mir-Regolatur, dan kif ġia eċċepit hawn fuq.*

35. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, t-talba fejn qed tintalab dikjarazzjoni li disposizzjonijiet legali jmorru kontra l-Artikolu 7 tal-Konvezjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, ma tistax tintlaqa' in kwantu hija talba vaga li ma tidentifikax liema huma dawk id-disposizzjonijiet tal-Liġi allegatament "ġeneriċi".*

36. *Illi mingħajr preġudizzju r-referenza li tagħmel ir-rikorrenti għall-*Implementing Procedures - Part 1 u 2 (Remote Gaming) *fil-premessa numru 2(b)(ii) hija għal kollox irrilevanti billi l-*Implementing Procedures Part 2 (Remote Gaming) *ma kienux u ma humiex applikabbli għar-rikorrenti billi din ma toperax fil-qasam tar-*Remote Gaming *u fil-fatt id-deċiżjoni tal-Korp ma tagħmel ebda referenza għal dawk l-*Implementing Procedures Part 2 (Remote Gaming).

37. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, jiġi eċċepit li d-disposizzjonijiet tal-Liġi huma ampjament ċari, ċerti u dettaljati u ma hemm ebda lok ta' dubbju dwar l-obbligi li jinkombu fuq il-persuna suġġetta. F'dan ir-rigward, jiġi rilevat illi fil-fatt ir-rikorrenti lanqas ma indikat liema huma dawk id-disposizzjonijiet li qiegħda tallega li jilledu d-drittijiet tagħha. Daqstant ieħor huma ċari fil-Liġi l-pieni amministrattivi li tista' teħel il-persuna suġġetta u għalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Liġi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, kif ukoll il-proċess ta'* compliance review *u d-deċiżjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti.*

38. *Illi jiġi eċċepit ukoll illi ebda parti mid-deċiżjoni tal-Korp, jew tal-mod kif iddeċieda l-Korp, ma tilledi l-imsemmi artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Il-Liġi hija ċara kif ingħad u l-kwistjoni dwar jekk il-Korp esponent applikax il-Liġi sew, ma hijiex kwistjoni ta' natura kostituzzjonali iżda tirrigwarda l-mertu tal-każ innifsu li dwaru r-rikorrenti għażlet li ma tressaqx quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). F'każ ta' applikazzjoni ħażina tal-Liġi (li assolutament ma kienx il-każ), dik il-Qorti li kien ikollha l-possibbilità illi tvarja, tħassar jew tikkonferma d-deċiżjoni tal-Korp.*

39. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat ukoll illi huwa min-natura ta' proċess amministrattiv illi l-entità munita bil-poter deċiżjonarju jkollha element ta' diskrezzjoni fl-eżerċizzju ta' dak il-poter deċiżjonarju tagħha. B'daqshekk ma jfissirx li seħħ xi ksur ta' xi drittijiet fundamentali tal-persuna suġġetta. Inoltre, u fi kwalsijasi każ, il-Korp eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ġust u raġonevoli però din mhix*

*kwistjoni ta' drittijiet fundamentali iżda proprju l-mertu tal-appell li r-rikorrenti kellha kull jedd tressaq quddiem il-Qorti tal-Appell, b'dana illi dan kien pass li r-rikorrenti għażlet li ma tieħux. In kwantu r-rikors huwa premess fuq il-mod kif il-Korp jeżerċita jew eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu jew fuq il-mod kif jinterpreta jew interpreta l-liġi u r-regolamenti, it-talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa billi m'humiex talbiet ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali iżda huwa biss kwistjoni li taqa' taħt il-Liġi ordinarja, li anke tipprovdi rimedju permezz tal-imsemmi appell. Dan huma sempliċement tentattiv biex parti li naqset milli tieħu l-passi spettanti lilha skont il-Liġi, issa tipprova tottjeni rimedju straordinarju minn dan il-proċess Kostituzzjonali. Dan m'għandux jigi tollerat u ma għandux ikun li l-proċess Kostituzzjonali jiġi abbużat b'dan il-mod.*

40. *Illi għalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Liġi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, l-*Implementing Procedures *kif ukoll il-proċessi ta'* compliance review *u d-deċiżjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jew drittijiet oħra fondamentali hu huma lkoll validi.*

41. *Illi mingħajr preġudizzju in kwantu għar-referenzi li tagħmel ir-rikorrenti fir-rikors promotur għas-sentenzi mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversement preseduta, fl-ismijiet* Phoenix Payments Limited vs Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et *u* Insignia Cards Limited vs Korp għall-analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et, *jiġi bl-akbar rispett sottomess illi kemm il-Korp esponent u wkoll l-Avukat tal-Istat ħassew ruħhom aggravati b'dawk is-sentenzi u fil-fatt kull wieħed miż-żewġ konvenuti ressaq l-appell tiegħu mill-istess, liema appelli għad mhumiex deċiżi. Għalhekk dawk is-sentenzi in kwistjoni għadhom soġġett għal appell. Inoltre sentenza tal-Qrati torbot biss lill-partijiet f'dik il-kawża u tgħodd dwar il-mertu speċifiku trattat f'dik il-kawża biss u ma jistax ikollha xi effett* erga omnes. *Terġa' u tgħid is-sitwazzjoni fil-kawża odjerna hija ferm differenti minn dawk il-każijiet għaliex f'dan il-każ, il-Persuna Suġġetta naqset milli tintavola appell skont l-artikolu 13A u aċċettat id-deċiżjoni tal-Korp meta ħallset il-piena amministrattiva.*

42. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-Artikolu 12A u/jew, 13 u/jew, 13A u/jew, 13B u/jew, 13Ċ u/jew, 18 u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ir-Regolament 21, kif ukoll id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti sussidjarji u l-*Implementing Procedures *li abbażi tagħhom il-Korp sab il-ksur tal-obbligi tar-rikorrenti, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet*

*fondamentali tas-soċjetà rikorrenti u l-Korp esponent fi kwalsiasi każ mexa skont il-Liġi, inkluż fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni tiegħu, u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti u għalhekk l-allegazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

43. *Illi għalhekk l-proċess ta'* compliance review *u d-deċiżjoni tal-Korp li segwiet l-istess, inkluż l-imposizzjoni tal-piena amministrattiva, huma validi u skont il-Liġi u addirittura aċċettati mir-rikorrenti.*

44. *Illi għalhekk m'għandha ssir ebda rifużjoni tal-piena amministrattiva ġia mħallsa mir-rikorrenti.*

45. *Illi għalhekk ukoll l-esponent ma jista' jiġi dikjarat responsabbli tal-ebda danni, inkluż danni morali, fil-konfront tar-rikorrenti.*

46. *Illi assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din il-Qorti jidhrilha li xi waħda jew aktar mit-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jiġu milqugħa (u dan qed jingħad purament għall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponenti jidhirlu li dawk it-talbiet għandhom effettivament jiġu miċħuda fl-interezza tagħhom) allura f'dak il-każ dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali għandha tkun suffiċjenti u m'għandux ikun il-każ li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni.*

47. *Illi mingħajr preġudizzju, jingħad ukoll illi ebda talba għal ħlas ta' danni m'għandha tintlaqa' għaliex ma saret ebda referenza fir-rikors promotorju dwar xi danni morali sofferti mir-rikorrenti u wisq inqas saret talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà għal danni morali u talba għal kwantifikazzjoni tal-istess.*

48. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

49. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali imressaq mir-rikorrenti Trive Financial Services Malta Limited għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2024, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

4. Is-soċjetà rikorrenti tirrileva li permezz ta' ittra tal-11 ta' April, 2023[1], il-Korp appellat kien infurmaha bid-deċiżjoni tiegħu li jimponi piena amministrattiva fl-ammont ta' mija tlieta u tletin elf mija tmienja u erbgħin Euro (€133,148), u dan *ai termini* tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta) [minn issa 'l quddiem 'il-Kap. 373'] u tar-Regolamenti Kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (L.S. 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta) [minn issa 'l quddiem 'ir-Regolamenti']. Dan wara li l-Korp intimat ikkonduċa investigazzjoni fil-konfront tagħha, u allegatament ikkonstata diversi nuqqasijiet fl-operat tagħha. Sadanittant sa mill-bidu tas-sena 2022, hija kienet taħt tmexxija differenti u skont hi, dan flimkien mat-trapass twil taż-żmien minn meta saret l-investigazzjoni min-naħa tal-Korp intimat u d-data tad-deċiżjoni tiegħu, ma ppermettewx li hija tressaq appell fil-konfront tal-imsemmija deċiżjoni, u għalhekk hija kienet għaddiet sabiex ħallset il-piena amministrattiva imposta fuqha. Madankollu, is-soċjetà rikorrenti permezz ta' ittra tat-23 ta' Mejju, 2023[2], għarrfet lill-Korp appellat, fost affarijiet oħra, li l-impożizzjoni tal-

[1] Dok. B *a fol.* 38.
[2] Dok. C a *fol.* 72.

piena amministrattiva kienet leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħha, kif kienet ukoll il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Korp appellat fil-konfront tagħha fuq is-sit elettroniku tiegħu, li kienet qiegħda tikkawża danni lilha, u għaldaqstant talbet sabiex l-imsemmija pubblikazzjoni titneħħa minn fuq is-sit. Tgħid li hija ma kienet irċeviet l-ebda tweġiba għal dan. Is-soċjetà rikorrenti tispjega fis-suċċint li l-pretensjonijiet tagħha huma s-segwenti:

(i) il-liġi hija leżiva tad-dritt ta' smigħ xieraq kif sanċit mis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni'] u/jew is-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni'];

(ii) il-proċess investigattiv li wassal għad-deċiżjoni tal-Korp, sar bi ksur tas-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u tas-subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni; u

(iii) l-Artikolu 13 tal-Att u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures – Part 1 u Part 2 *(Remote Gaming)* [minn issa 'l quddiem 'l-Implementing Procedures'] li tagħhom il-Korp intimat sab ksur, u b'hekk wasal għad-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, jiksru d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, stante li l-Korp intimat abbuża mid-diskrezzjoni tiegħu mogħtija permezz tal-liġi u aġixxa b'mod arbitrarju, u sab li l-imsemmija soċjetà rikorrenti kienet ħatja ta' akkużi ta' natura kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi.

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda ssostni l-applikabbilità tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-każ odjern. Tissottometti li dawn id-disposizzjonijiet jiggarantixxu d-dritt ta' smigħ xieraq minn tribunal jew qorti imparzjali u indipendenti, u skont il-ġurisprudenza estensiva stabbilita, proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda huma ta' natura kriminali, u għalhekk tali disposizzjonijiet huma applikabbli fil-konfront tagħhom. Is-soċjetà rikorrenti tiċċita dak li qalet il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il quddiem 'il-QEDB'] fil-każ **Jussila v. Finland**, Applikazzjoni nru. 73053, deċiża fit-23 ta' Novembru, 2006, in sostenn tal-argument tagħha, u tirrileva li l-ġurisprudenza tal-QEDB turi li l-imsemmija Qorti tikkunsidra li pieni kriminali jistgħu jiġu imposti minn korp amministrattiv jew non-ġudizzjarju fl-ewwel istanza, imma l-persuna kontra min tiġi mposta dik il-piena jkollha d-dritt li titlob stħarriġ ġudizzjarju komplet dwar id-deċiżjoni. Tikkontendi li għalkemm l-akkużi huma ta' natura amministrattiva, dawn jittrattaw kwistjonijiet ta' natura kriminali, u tapplika d-distinzjoni magħmula fil-każ **Engel** deċiż mill-QEDB. B'hekk għalkemm dawn il-każijiet mhumiex fil-kategorija konvenzjonali tal-liġi kriminali, xorta waħda għandu jiġi protett u assigurat id-dritt ta' smigħ xieraq. Is-soċjetà rikorrenti tirrileva li anki l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat li dawn it-tip ta' proċeduri għandhom natura kriminali, u hawnhekk hija tagħmel riferiment għad-diversi sentenzi tagħha fejn tgħid li ppronunzjat ruħha f'dan ir-rigward. Tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Insignia Cards Limited *vs.* Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et**, deċiża fl-24 ta' Mejju, 2023, u dik mogħtija wkoll minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Phoenix *vs.* Il-Korp għall-Analiżi ta'**

**Informazzjoni Finanzjarja et**, deċiża fit-30 ta' Marzu, 2023. Is-soċjetà rikorrenti tirrileva li dawn tal-aħħar għadhom mhumiex *res judicata.* Hawnhekk tgħaddi sabiex tispjega kif inkiser fil-konfront tagħha d-dritt għal smigħ xieraq kif imħares mis-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u mis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Tibda billi tinsisti li l-Korp intimat mhuwiex qorti u lanqas awtorità indipendenti u awtonoma, u dan b'riferiment għall-artikoli 15 u 16 tal-Kap. 373, li fost affarijiet oħra jipprovdu li l-Ministru responsabbli għall-finanzi għandu jiddetermina kif għandu jiġi ffinanzjat il-Korp intimat, u jista' ukoll jimponi ħidmiet oħra speċifiċi li għandhom jiġu ndirizzati u miksuba mill-Korp lil hinn mill-artikolu 16 tal-Att, liema ftehim mhuwiex wieħed pubbliku. Tissottometti li l-Korp intimat huwa kostitwit minn Bord ta' Gvernaturi u Direttur, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Kap. 373, fejn il-Bord huwa maħtur mill-Ministru skont id-disposizzjonijiet tas-subartikoli 19(2) u 19(3) tal-istess liġi, u l-membri tiegħu jirċievu r-remunerazzjoni tagħhom mill-istess Ministru tal-Finanzi, u huma appuntabbli għal perijodu ta' tliet snin. Tikkontendi li d-deċiżjoni għall-impożizzjoni tal-piena amministrattiva tittieħed mill-*Compliance Monitoring Committee* [minn issa 'l quddiem 'il-Kumitat'] tal-Korp intimat, fejn il-membri tiegħu huma d-Direttur tal-istess Korp intimat, flimkien mad-Deputat Direttur u rappreżentanti tas-sezzjonijiet tas-superviżjoni, tal-infurzar u tal-affarijiet legali, jiġifieri impjegati tal-Korp intimat stess, li għalhekk ma jagħmilhomx imparzjali, u jiġbdu l-istess ħabel tal-imsemmi Korp intimat. Is-soċjetà rikorrenti ssostni li l-Korp intimat ma jista' ikun qatt imparzjali għaliex huwa awtorità pubblika li taġixxi bħala investigatur, prosekutur u qorti fl-istess ħin, u tispjega kif fil-fehma tagħha dan isir. Tgħid li l-Korp intimat: (a) jagħmel ir-regolamenti applikabbli għall-persuni suġġetti li jirregola huwa stess; (b)

jagħmel l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet fuq il-persuni suġġetti skont id-diskrezzjoni tiegħu, u jevalwa l-informazzjoni li jiġbor; (ċ) jagħmilha ta' prosekutur u anki ta' imħallef, daqslikieku huwa indipendenti u imparzjali. Is-soċjetà rikorrenti tgħid li għalhekk il-Korp intimat bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa indipendenti u imparzjali, u l-proċess investigattiv quddiemu ma jistax jipprovdi d-dritt ta' smigħ xieraq. Imma minkejja dan kollu, tissottometti li l-Korp intimat għandu setgħat kbar u diskrezzjonarji sabiex jimponi sanzjonijiet u pieni kbar u punittivi, u tgħaddi sabiex tispjega liema huma l-ammonti relattivi li jistgħu jiġu mposti. Tgħid li dawn jiġu mposti skont il-politika u l-proċedura stabbilita mill-Korp intimat minn żmien għal żmien, ċertament b'nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza, fejn dawn ma jiġux ippubblikati u lanqas ma jitpoġġew għall-attenzjoni tal-persuni suġġetti bħal ma hija s-soċjetà rikorrenti stess. Is-soċjetà rikorrenti qiegħda tikkontendi wkoll li l-appell li jingħata mil-liġi, mhuwiex rimedju adegwat sabiex jiġi assigurat id-dritt ta' smigħ xieraq. Tissottometti li anki jekk wieħed jieħu l-interpretazzjoni aktar laxka tal-QEDB minn dik tal-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenzi li għalihom sar riferiment, jiġifieri li jekk hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri amministrattivi quddiem il-Korp intimat, dawn jistgħu jiġu ssanati iktar tard fl-istadju tal-appell, għandu jingħad li fil-każ odjern id-dritt tal-appell mhuwiex biżżejjed sabiex jipproteġi, jissalvagwardja u jissodisfa d-dritt ta' smigħ xieraq *ai termini* tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni. Tikkontendi li l-liġi hawnhekk hija mankanti, u r-rimedju li tagħti jirriżulta li mhuwiex biżżejjed għas-segwenti raġunijiet: (a) ma tixbaħx il-proċeduri fil-Prim'Istanza fejn wieħed għandu d-dritt li jressaq il-provi, jitlob għall-produzzjoni ta' dokumenti li m'għandux fil-pussess tiegħu, jagħmel kontro-eżamijiet u jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu; (b) il-

proċeduri fl-appell jingħalqu permezz tal-preżentata tar-rikors tal-appell u tar-risposta, u huwa f'każijiet eċċezzjonali fejn il-Qorti tal-Appell tista' tippermetti l-preżentata ta' skritturi oħra; (ċ) kull dokument rilevanti għandu jiġi anness mar-rikors tal-appell, u kull dokument mhux anness jista' jiġi biss ippreżentat taħt ċirkostanzi partikolari kif elenkati fl-artikolu 150 tal-Kap. 12, u bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti; (d) bħala regola l-ebda xhud ma jista' jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell għajr f'dawk iċ-ċirkostanzi elenkati taħt l-artikolu 208 tal-Kap. 12; (e) jekk jiġi konċess id-dritt li jitressqu l-provi fl-istadju tal-appell, l-appellanta għandha tipprova l-innoċenza tagħha u tressaq il-provi hija stess billi jinqeleb l-oneru tal-prova fejn l-appellanta titpoġġa f'żvantaġġ impossibbli; (f) il-Qorti tal-Appell hija biss qorti ta' reviżjoni li m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik ta' min ikun ħa l-ewwel deċiżjoni fil-prim'istanza, għajr għal raġunijiet gravi biżżejjed, jew jekk il-parti kkonċernata tkun ser tiġi ppreġudikata serjament bl-interpretazzjoni tal-fatti; u (ġ) il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell huma proċeduri qosra, ġeneralment b'żewġ seduti jew tlieta, fejn skont l-artikolu 13A tal-Kap. 373, dawn għandhom jingħalqu fi żmien sitt xhur mill-ewwel seduta tal-appell, mingħajr l-ebda estensjoni għajr bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet eċċezzjonali ġustifikati. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-liġi għandha tagħti l-opportunità lill-Qorti li tagħti d-deċiżjoni finali tagħha, li (a) tagħmel apprezzament sħiħ tal-fatti u tal-liġi relattiva; (b) ikollha aċċess komplet u sħiħ tal-*file* intern tal-Korp intimat; u (ċ) tisma' ix-xhieda kollha tal-partijiet għall-proċeduri odjerni, u li ma tkunx ristretta għall-provvedimenti tal-Kap. 12. Is-soċjetà intimata tikkontendi li anki jekk effettivament il-Qorti tal-Appell tikkonċedi dan kollu waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiemha, dan ma jistax ineħħi n-nuqqasijiet fil-liġi li għandha tkun hija li tassigura din il-

protezzjoni, u mhux id-diskrezzjoni tal-Qorti. Is-soċjetà rikorrenti tgħid li huwa proprju riżultat ta' dan kollu li hija kienet qagħdet lura milli tintavola appell mid-deċiżjoni tal-Korp intimat. Tikkontendi wkoll li sabiex ikun hemm parità ta' armi, is-soċjetà rikorrenti għandha jkollha: (a) dritt li ma tinkriminax ruħha, fejn ir-Regolament 21 tar-Regolamenti huwa b'mod ċar leżiv tad-dritt ta' smigħ xieraq, ġaladarba l-piena amministrattiva li tista' tiġi mposta hija tali li ma tħalli l-ebda għażla għajr li tingħata kull informazzjoni mitluba waqt l-investigazzjoni, u li saħansitra tista' twassal għall-inkriminazzjoni personali; (b) dritt bil-liġi li tressaq fi żmien raġonevoli kull prova neċessarja għad-difiża tagħha, mingħajr limitazzjonijiet imposti fil-proċedura mill-Korp intimat stess, li min-naħa l-oħra m'għandu l-ebda xkiel ta' termini; u (ċ) terminu għall-appell adegwat fejn hija jkollha aċċess għall-*files* li jirrigwardawha, u li huma f'idejn il-Korp intimat. Is-soċjetà rikorrenti tissottometti li l-proċess tal-eżami tal-konformità u ta' investigazzjoni kif adottat mill-Korp intimat, iledi d-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti mill-para. (a) tas-subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni. Is-soċjetà rikorrenti tilmenta wkoll minn ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni. Tikkontendi li ir-Regolamenti u l-*Implementing Procedures,* għandhom ikunu ċari u inekwivoċi dwar kif iċ-ċittadin għandu jonora l-obbligi tiegħu fil-liġi. Tgħid li l-ebda awtorità pubblika m'għandha ssib ċittadin responsabbli ta' ksur ta' regolament li jwassal għal multi ta' natura sostanzjali, saħansitra ta' natura penali, mingħajr obbligu ċar, u fin-nuqqas il-benefiċċju tad-dubju għandu jmur favur l-istess ċittadin. Is-soċjetà rikorrenti hawnhekk tiċċita in sostenn tal-argument tagħha, dak li qalet il-QEDB fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Camilleri v. Malta**, App. Nru. 42931/10, deċiża fit-22 ta' Jannar, 2013. Tgħid li fil-każ

odjern hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u anki tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, u ssostni li r-Regolamenti u l-*Implementing Procedures* huma miktubin b'mod ġeneriku, u l-mod kif dawn ġew applikati mill-Korp intimat, kien wieħed ferm arbitrarju. Għal dawn ir-raġunijiet, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tħarrek lill-intimati sabiex jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex: (a) tiddikjara li l-artikoli 12A u/jew 13 u/jew 13A u/jew 13B, 13Ċ u/jew 18 u/jew 19 tal-Kap. 373, kif ukoll ir-regolament 21 tar-Regolamenti, jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tagħha hekk kif imħarsa mis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew mis-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni; u/jew (b) tiddikjara li l-istess disposizzjonijiet huma nulli u bla effett u/jew m'għandhom l-ebda applikazzjoni jew effett fil-konfront tagħha; u/jew (ċ) li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u ta' kif tmexxa l-proċess investigattiv, jikser is-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u s-subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni; u/jew (d) tiddikjara li l-artikolu 13 tal-Kap. 373 u/jew ir-regolament 21 tar-Regolamenti u/jew ċerti disposizzjonijiet tar-Regolamenti u/jew l-*Implementing Procedures,* li fir-rigward tagħhom il-Korp intimat iddikjara ksur u wasal għad-deċiżjoni tiegħu, jiksru s-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew (e) tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Korp intimat jew parti minnha, u anki l-mod kif dan iddeċieda, huma leżivi tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; (f) tiddikjara nulli u inattendibbli għall-fini ta' konformità, il-proċeduri ta' investigazzjoni li segwa l-Korp intimat; u/jew (ġ) tiddikjara nulla u inattendibbli d-deċiżjoni jew parti minnha, u tħassarha kollha jew *in parte*; u/jew (g) tiddikjara li hija għandha tirċievi mingħand il-Korp intimat rifużjoni tal-piena amministrattiva; u/jew (għ) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront

tagħha; u/jew (ħ) tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li jidhrilha opportun.

5. Min-naħa tiegħu l-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi kif ġej: preliminarjament (a) ma tistax issir azzjoni għall-validità o meno ta' liġi permezz tal-preżenti proċeduri kostituzzjonali, iżda biss permezz ta' kawża taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk l-azzjoni odjerna hija improponibbli; (b) l-ilmenti tas-soċjetà rikorrenti ma jistgħux jiġu kkunsidrati fil-parametri tas-subartikolu 39(1) u tas-subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni, għaliex dawn ma jikkonċernawx akkużi jew proċeduri kriminali fejn l-artikoli 12A u/jew 13 u/jew 13A u/jew 13B, 13Ċ u/jew 18 u/jew 19 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-L.S. 373.01, ma jagħtux lok għal determinazzjoni ta' reat jew akkuża kriminali, minkejja l-effetti serji li d-deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti; (ċ) l-artikolu 13B tal-Kap. 373 jipprovdi li l-piena amministrattiva tista' tinġabar bħala dejn ċivili, u l-avviż li jiġi notifikat permezz ta' att ġudizzjarju, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv taħt il-Kap. 12, iżda wkoll l-appell għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili; (d) għalhekk huwa s-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li huwa applikabbli hawnhekk; (e) is-soċjetà rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, u għalhekk il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *ai termini* tas-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319, u anki skont id-diversi sentenzi li ġew deċiżi taħt dawn is-subartikoli; fil-mertu (f) mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' qabel, it-talbiet fil-mertu tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt, għaliex iċ-ċirkostanzi tal-każ ma jledux id-drittijiet fundamentali tagħha *ai termini* tas-subartikolu 39(1), tas-subartikolu 39(6), u tas-subartikolu 39(8) tal-

Kostituzzjoni, u s-subartikoli 6(1) u 6(2) u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, għal dawk ir-raġunijiet li ser isegwu; (d) skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 373 u tal-liġi sussidjarja magħmula taħt dan l-Att, il-Korp intimat għandu s-setgħa li jissuperviżjona l-persuni soġġetti, liema funzjoni mhijiex dik ta' investigazzjoni, u anki li jimponi sanzjonijiet amministrattivi, li ma jfissirx li huwa jkun qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali; (e) il-piena amministrattiva trid tittieħed fil-kuntest sħiħ, u l-fatt li hija effettiva u disważiva, ma jfissirx li hija ta' natura kriminali; (f) il-liġi stess tikkwalifika l-proċeduri bħala amministrattivi u mhux kriminali, u dan b'riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Kap. 373; (ġ) ġaladarba l-liġi tikkunsidra l-proċeduri bħala ta' natura amministrattiva, il-garanziji proċedurali li tagħti l-Kostituzzjoni fir-rigward ta' proċeduri kriminali, ma jistgħux jiġu applikati għal proċeduri amministrattivi, u tapplika l-massima *a verbis legis non est recedendum;* (g) b'riferiment għall-artikoli tal-Kap. 373 u għar-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt dik il-liġi, is-soċjetà rikorrenti trid qabel xejn turi li dawn is-sanzjonijiet jikkostitwixxu pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza **Engel u Oħrajn v. L-Olanda** tat-8 ta' Ġunju, 1976, u dan filwaqt li għandu jingħad li fil-ġurisprudenza tal-QEDB saret id-distinzjoni bejn pieni applikabbli fil-'*hard core of criminal law',* u dawk f''*cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law';* (għ) il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew fejn il-piena relattiva taqa' fil-parametri ta' *'hard core of criminal law',* u b'hekk ma kienx hemm għalfejn li l-proċeduri fl-ewwel istanza jitmexxew quddiem qorti, sabiex b'hekk m'hemm l-ebda kunflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċerti sanzjonijiet għandhom jiġu mposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju; (ħ) il-fatt li l-

pieni amministrattivi jistgħu jkunu f'ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi, sakemm id-deċiżjoni tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità li għandha funzjoni ġudizzjarja, u b'hekk ma jista' jkun hemm l-ebda problema dwar il-ħtiġijiet ta' smigħ xieraq, anki fejn fil-każ odjern l-artikolu 13A tal-Kap 373 jipprovdi għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fuq punt ta' liġi u anki fuq il-mertu; (h) l-ilmenti tas-soċjetà rikorrenti ma jistgħux ireġu fil-kuntest ta' eżiġenzi regolatorji ta' natura amministrattiva, u lanqas huma kompatibbli mal-eżistenza nnifisha tal-Korp intimat; (i) il-Korp intimat huwa maqsum f'sezzjonijiet speċjalizzati li jaħdmu indipendentement minn xulxin, fejn huma rispettati d-dettami kollha tal-ġustizzja naturali, u l-proċess ma jwassalx għal piena eżegwibbli; (j) mill-qari tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, jirriżulta li dawn jikkontemplaw każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dak odjern; (k) fid-dawl ta' dan kollu, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mis-soċjetà rikorrenti u kif jitmexxa l-proċess investigattiv, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali kif ritenut mis-soċjetà rikorrenti, u għalhekk l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jingħata; u (l) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

6. Il-Korp intimat ippreżenta t-tweġiba tiegħu fil-15 ta' Settembru, 2023, fejn eċċepixxa kif ġej: (a) is-soċjetà rikorrenti għandha rimedju ordinarju effettiv permezz tal-artikolu 13A tal-Kap. 373, li jagħti d-dritt ta' appell mid-deċiżjoni tal-Korp intimat fuq punti ta' liġi u fil-mertu; (b) is-soċjetà rikorrenti kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju ordinarju li naqset li tagħmel użu minnu, u għalhekk il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha a tenur tal-*provisos* tas-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319; (ċ) mingħajr preġudizzju, l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla, għaliex is-

soċjetà appellanta irrinunzjat għall-imsemmi dritt ta’ appell, meta aċċettat id-deċiżjoni tiegħu u ħallset il-piena amministrattiva fit-3 ta’ Mejju, 2023, mingħajr l-ebda riżerva; (d) mingħajr preġudizzju, it-talba għal dikjarazzjoni ta’ nullità tal-liġi hija improponibbli f’azzjoni bħal dik odjerna li saret *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap. 319, iżda mhux taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni; (e) in kwantu l-ilment tas-soċjetà rikorrenti jikkonċerna l-liġi, huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur, stante li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-liġi, u b’mod imparzjali u indipendenti minn kull entità jew awtorità oħra, u għaldaqstant hawnhekk għandu jwieġeb l-intimat Avukat tal-Istat; (f) mingħajr preġudizzju, l-ebda dispożizzjoni tal-Kap. 373, ir-regolamenti sussidjarji jew l-*Implementing Procedures,* jew min-naħa l-oħra d-deċiżjoni tal-Korp intimat jew is-sanzjoni amministrattiva li segwiet jew il-proċess amministrattiv, m’huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti, u huma kollha validi; (ġ) il-Korp intimat kien biss mexa skont il-liġi, u għalhekk ma jistax jinstab responsabbli għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti; (g) il-Kap. 373 u r-regoli u r-regolamenti sussidjarji huma msejsa fuq il-liġi tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk il-leġislatur huwa marbut bir-rekwiżiti ta’ dik il-liġi meta debitament jittrasponi d-disposizzjonijiet tad-Direttivi relattivi, fejn wieħed għandu jikkunsidra l-prinċipju ġenerali miżmum mill-Qorti Ewropea, li l-Liġi Komunitarja hija preżunta li hija konformi mad-drittijiet fundamentali, imma fi kwalunkwe każ japplika l-prinċipju ta’ supremazija ta’ dik il-liġi, u dan skont l-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, u anki in linea ma’ obbligi internazzjonali oħra, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, dawk tal-*European Banking Authority* u tal-*Financial Action Task Force*; (għ) is-subartikolu 39(1), il-

para. (a) tas-subartikolu 39(6) u s-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, u anki s-subartikolu 6(3) u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, mhumiex applikabbli għaliex dawn jipprovdu għal garanziji fil-kamp kriminali, u l-Korp intimat jiddeċiedi biss kwistjonijiet amministrattivi; (ħ) il-proċess applikat mill-Korp intimat huwa wieħed amministrattiv, u l-multa mposta minnu hija waħda amministrattiva, u l-*quantum* tal-imsemmija multa m'għandux jiġi kkunsidrat waħdu, iżda għandu jiġi meqjus ukoll li din ma tistax twassal għal restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-persuna, u lanqas tista' tiġi riflessa fil-fedina penali ta' persuna, filwaqt li hija ntiża bħala deterrent, u mhijiex punittiva u ma tistax tiġi konvertita fi priġunerija; (h) il-Kap. 373 u r-regoli u r-regolamenti sussidjarji joħorġu mil-liġi tal-Unjoni Ewropea, li tgħid li s-sanzjonijiet in kwistjoni huma ta' natura amministrattiva u mhumiex penali; (i) mingħajr preġudizzju, ma jistax jsir riferiment għall-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni sabiex jiġi evalwat ilment taħt il-Kostituzzjoni; (ie) għalhekk il-garanziji tal-kamp kriminali li qiegħda tinvoka s-soċjetà rikorrenti, ma jsibux applikabbiltà fil-każ odjern, li jittratta proċeduri ta' natura amministrattiva; (j) mingħajr pregudizzju, il-Korp huwa enti indipendenti, awtonomu u imparzjali, li ta lis-soċjetà rikorrenti l-opportunità li tiddefendi ruħha u li tressaq il-każ tagħha għall-konsiderazzjoni, billi ġiet involuta f'kull stadju, u ngħatat l-informazzjoni dwar il-proċess; (k) huwa jaġixxi bħala Regolatur skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 373, li jimponi dan id-dover fuqu sabiex b'hekk huwa għal kollox indipendenti u imparzjali billi l-interess tiegħu huwa l-osservanza tal-liġi; (l) għalhekk ma jistax ikun hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni; (m) l-artikolu 13A tal-Kap. 373 jipprovdi rimedju adegwat sabiex jiġi assigurat id-dritt ta' smigħ xieraq, għaliex il-persuna suġġetta għandha d-dritt li tappella

kemm fuq il-fatti u anki fuq punti ta' liġi quddiem qorti, u għalhekk ma jista' jirriżulta l-ebda ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; (n) mingħajr preġudizzju, is-soċjetà rikorrenti għażlet li ma tintavolax appell mid-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk l-ilment tagħha fir-rigward tas-smigħ fl-appell jikkostitwixxi biss spekulazzjoni dwar x'seta' jiġri f'każ li hija kienet iddeċidiet li tagħmel l-imsemmi appell a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap. 373; (o) mingħajr preġudizzju, id-diffikultajiet interni tas-soċjetà intimata sabiex tressaq appell mid-deċiżjoni tiegħu, huma hawnhekk irrilevanti; (p) il-Persuna Suġġetta dejjem baqgħet l-istess, minkejja il-bidla fl-azzjonisti jew il-benefiċċjarji jew l-amministraturi tagħha; (q) mingħajr preġudizzju, għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-parità tal-armi fejn is-soċjetà rikorrenti tallega ksur tad-dritt li ma tinkriminax ruħha, dan mhux minnu; (r) mingħajr preġudizzju, il-*files* dejjem baqgħu fil-pussess tas-soċjetà appellanta, u l-fatt li l-liġi tagħtih is-setgħa li jeżaminahom sabiex jikkonferma jekk il-Persuna Suġġetta tkunx qiegħda taqdi l-obbligi tagħha, ma kienx ifisser li hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq; (s) mingħajr preġudizzju, id-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu huwa ristrett għall-kamp kriminali, imma fi kwalunkwe każ l-allegazzjoni hija waħda infondata; (t) mingħajr preġudizzju, jekk huwa fir-rwol superviżorju tiegħu jitlob li jara dokumentazzjoni li l-Persuna Suġġetta hija obbligata bil-liġi li żżomm, hija ma tistax tilmenta li sofriet xi nuqqas ta' parità ta' armi, u li ġiet imġiegħla b'xi mod li tinkrimina ruħha; (u) mingħajr preġudizzju, is-soċjetà rikorrenti kellha biżżejjed żmien sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha u tressaq il-provi, u t-tul ta' żmien tal-proċess superviżorju ma setax jitqabbel maż-żmien li l-persuna suġġetta tingħata sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha jew sabiex tippreżenta l-appell tagħha; (v) mingħajr preġudizzju, it-terminu tal-

appell ma jagħtix lok għal nuqqas ta’ parità tal-armi, għaliex dan joħroġ mil-liġi u huwa simili għal dawk it-termini l-oħra tal-appell fil-liġi; (w) mingħajr preġudizzju, mhuwiex minnu li d-dritt tal-appell taħt l-artikolu 13A tal-Kap. 373 iwassal għall-inverżjoni tal-oneru tal-prova, għaliex fl-istadju tal-appell, il-Korp appellat ikun diġà ressaq il-każ tiegħu; (x) mingħajr preġudizzju, il-fatt li l-liġi tipprovdi għal proċess mgħaġġel fl-appell, ma jfissirx li b’hekk huwa leż id-dritt għal smigħ xieraq, għaliex anki t-terminu jista’ jiġi estiż bi qbil bejn il-partijiet jew saħansitra mill-Qorti stess fejn hemm raġunijiet eċċezzjonali; (ż) il-garanziji li jipprovdu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, m’għandhom l-ebda applikabbiltà hawnhekk, għaliex huma applikabbli biss fil-qasam penali; (z) mingħajr preġudizzju, is-soċjetà rikorrenti tirreferi għall-proċess erronejament bħala wieħed ‘investigattiv’ meta dan huwa wieħed superviżorju; (aa) mingħajr preġudizzju, is-soċjetà rikorrenti kellha ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa sabiex tiddefendi ruħha; (bb) għalhekk ma kien hemm l-ebda ksur tas-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u tas-subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni; (ċċ) mingħajr preġudizzju, l-ebda disposizzjoni tal-Kap. 373, tar-Regolamenti jew tal-*Implementing Procedures,* ma tikser d-dritt fundamentali kif protett mis-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; (dd) is-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u għalhekk mhumiex applikabbli fil-kuntest odjern; (ee) mingħajr preġudizzju, it-talba sabiex jiġu ddikjarati leżivi d-disposizzjonijiet tal-liġi li jmorru kontra l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u s-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, hija waħda vaga u għalhekk ma tistax tintlaqa’; (ff) ir-riferiment li tagħmel is-soċjetà rikorrenti għall-*Implementing Procedures Part 1* u *2 (Remote Gaming),* huwa irrilevanti

għaliex hija ma toperax fil-qasam tar-*remote gaming,* u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu ma semmiethomx; (ġġ) mingħajr preġudizzju, id-disposizzjonijiet tal-liġi huma ċari, ċerti u dettaljati, kif huma wkoll l-pieni amministrattivi li tista' teħel persuna suġġetta; (gg) l-ebda parti mid-deċiżjoni tiegħu, jew tal-proċess li wassal għaliha, ma tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jew dawk tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u l-kwistjoni jekk huwa applikax sew il-liġi, hija waħda fil-mertu; (għgħ) mingħajr preġudizzju, proċess amministrattiv fih innifsu jagħti lok għal element ta' diskrezzjoni, imma dan ma jfissirx li seħħ xi ksur ta' xi drittijiet fundamentali tal-persuna suġġetta, u fi kwalunkwe każ huwa kien eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ġust u raġonevoli, li wara kollox hija kwistjoni tal-liġi ordinarja li tipprovdi għall-appell li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tintavola, u permezz tal-preżenti proċeduri qiegħda tittenta tottjeni dak li setgħet tieħu bl-imsemmija proċeduri ta' appell; (ħħ) għalhekk id-disposizzjonijiet tal-liġi, ir-regoli, ir-regolamenti kollha sussidjarji, l-*Implementing Procedures,* flimkien mal-eżami ta' konformità, u d-deċiżjoni tiegħu, ma jiksrux id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jew drittijiet oħra, u huma kollha validi; (hh) is-sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, kienu ġew appellati min-naħa tiegħu, u l-proċeduri tal-appell kienu għadhom pendenti, iżda wkoll sentenza tal-qorti torbot biss il-partijiet f'dik il-kawża, b'dana wkoll li fil-każ odjern is-soċjetà rikorrenti kienet għażlet li ma tappellax mid-deċiżjoni tiegħu u ħallset il-piena amministrattiva; (ii) mingħajr preġudizzju, l-artikoli 12A u/jew 13 u/jew 13A u/jew 13B u/jew 13Ċ u/jew 18 u/jew 19 tal-Kap. 373 u/jew ir-Regolament 21, flimkien mad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti u tal-*Implementing Procedures,* li abbażi tagħhom huwa sab ksur, ma jiksrux id-

drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti, u fi kwalunkwe każ huwa mexa skont il-liġi; (ieie) għalhekk il-proċess tal-eżami ta’ konformità u d-deċiżjoni tiegħu, u anki l-impożizzjoni tal-piena amministrattiva, huma kollha validi u skont il-liġi, u saħansitra aċċettati mis-soċjetà rikorrenti; (jj) għalhekk m’għandha ssir l-ebda rifużjoni tal-piena amministrattiva; (kk) għalhekk ukoll huwa ma jistax jiġi dikjarat responsabbli għad-danni, anki dawk morali, fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti; (ll) mingħajr preġudizzju, jekk din il-Qorti jidhrilha li xi waħda jew iktar mit-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandha tintlaqa’, dikjarazzjoni ta’ ksur għandha tkun suffiċjenti; (mm) it-talba tas-soċjetà rikorrenti għal ħlas ta’ danni morali ma ssegwix talba għal dikjarazzjoni ta’ responsabbiltà għall-istess danni morali; (nn) it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha; (oo) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Provi</u>**

7. Flimkien mar-rikors promotur, is-soċjetà rikorrenti esebiet: (a) kopja tal-*potential breaches letter* tal-Korp intimat lis-soċjetà rikorrenti tat-22 ta’ Lulju, 2020[3]; (b) kopja tad-deċiżjoni tal-Korp intimat tal-11 ta’ April, 2023, fejn impona piena ta’ mija tlieta u tletin elf mija tmienja u erbgħin Euro (€133,148) *ai termini* tal-artikolu 13 tal-Kap. 373 u tar-Regolament 21 tar-Regolamenti[4]; u (ċ) kopja tal-ittra tas-soċjetà rikorrenti lill-Korp intimat tat-23 ta’ Mejju, 2023.[5]

[3] Dok. A *a fol.* 17 tal-proċess.
[4] Dok. B *a fol.* 38 tal-proċess.
[5] Dok. C *a fol.* 72 tal-proċess.

8. Permezz tan-nota tagħha ppreżentata waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2023, is-soċjetà rikorrenti esebiet is-segwenti: (a) affidavit ta' Mustafa Kemal Sahin, direttur tagħha[6]; (b) kopja ta' dokument maħruġ mill-Korp intimat fid-9 ta' April, 2021, intestat *'The Business Risk Assessment'*[7]; (ċ) kopja ta' dokument ieħor maħruġ mill-imsemmi Korp intimat fl-4 ta' Mejju, 2021, intestat *'Enforcement Factsheet: common observations across sectors subject to AML/CFT Supervision'*[8]; u (d) kopja ta' mistoqsija Parlamentari nru. 17786 tal-11 ta' Diċembru, 2020.[9]

9. Fl-affidavit tiegħu, **Mustafa Kemal Sahin** iddikjara li huwa direttur, kif ukoll rappreżentant legali u ġudizzjarju tas-soċjetà rikorrenti, li qabel kienet magħrufa bl-isem AFKX Financial Services Limited. Stqarr li huwa ilu jokkupa dawn il-karigi mill-24 ta' Ġunju, 2021. Spjega li s-soċjetà rikorrenti hija kumpannija regolata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u hija wkoll 'persuna suġġetta' kif mifhum taħt ir-Regolamenti. Ix-xhud irrileva li f'Novembru tal-2019 il-Korp intimat kien ikkonduċa investigazzjoni fir-rigward tal-operat tas-soċjetà AFKX, u l-osservanzi tiegħu kienu ġew ikkomunikati lilha permezz ta' ittra tat-22 ta' Lulju, 2020, fejn stedinha ukoll sabiex tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha dwar l-allegati nuqqasijiet tagħha li kienu ġew ikkonstatati. Qal li madankollu f'din l-ittra l-Korp intimat ma kienx indika l-piena amministrattiva li huwa kien intenzjonat li jimponi fuqha, u għalhekk hija ma kellha l-ebda ħjiel dwar is-serjetà tal-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru fil-konfront tagħha. Madankollu, is-soċjetà rikorrenti kkomunikat r-

[6] Dok. MKS *a fol.* 108 tal-proċess.
[7] Dok. BRAG *a fol.* 129.
[8] Dok. EF *a fol.* 138.
[9] Dok. PQ *a fol.* 177.

rappreżentazzjonijiet tagħha permezz ta' ittra tat-22 ta' Lulju, 2020[10], u anki permezz ta' ittra oħra tat-28 ta' Lulju, 2020[11], kopja ta' liema ittri kienu annessi mal-affidavit tiegħu. Huwa spjega kif fil-bidu tas-sena 2022 kien hemm bidla fl-azzjonisti tas-soċjetà rikorrenti, sabiex is-soċjetà Mercury Financial Europe Limited saret l-unika azzjonista tagħha, u ġie reġistrat l-isem preżenti tagħha, filwaqt li kien ġie appuntat *management* ġdid. Ix-xhud qal li kienet tassew sorpriża għall-imsemmi *management* ġdid, meta kważi erba' snin wara l-investigazzjoni tal-Korp intimat, irċieva l-ittra tal-11 ta' April, 2023, fejn ġiet imposta l-piena amministrattiva ta' mija tlieta u tletin elf mija tmienja u erbgħin Euro (€133,148). Imma minħabba l-bidla li kienet saret fil-*management,* u anki minħabba t-trapass taż-żmien minn meta saret l-investigazzjoni sad-data tal-impożizzjoni tal-piena amministrattiva, is-soċjetà appellanta ma kinitx f'pożizzjoni li tintavola appell mid-deċiżjoni tal-Korp intimat, u għalhekk ħallset il-piena amministrattiva imposta. Madankollu s-soċjetà rikorrenti kienet kitbet lill-Korp intimat fit-23 ta' Mejju, 2023, u nfurmatu li hija kellha numru ta' riżervi dwar l-imsemmija deċiżjoni tiegħu fid-dawl tas-sentenzi riċenti tal-Qrati, li sabu li l-proċedura li permezz tagħha l-Korp intimat jimponi l-pieni amministrattivi ma kinitx waħda li tassigura smigħ xieraq. Hija kienet talbet ukoll lill-Korp intimat sabiex iħassar il-pubblikazzjoni li saret fuq is-sit tiegħu, imma ma kienet irċeviet l-ebda tweġiba għal dan. Is-soċjetà rikorrenti kienet ukoll aċċennat għall-fatt li l-imsemmija deċiżjoni tal-Korp intimat kienet tirrigwarda l-mod kif kienet topera AFKX, u għalhekk ma kellhiex tiġi assoċjata magħha jew ma' Trive Group in ġenerali. Qal li s-soċjetà rikorrenti kienet intavolat il-preżenti

[10] Dok. EA1 *a fol.* 111 tal-proċess.
[11] *A fol.* 122 tal-proċess.

proċeduri fid-dawl tad-diversi konsiderazzjonijiet legali, primarjament għaliex il-mod li bih il-Korp intimat jinvestiga u jimponi pieni amministrattivi, ma jirrispettax id-dritt għal smigħ xieraq. Ix-xhud stqarr li l-Korp intimat huwa mogħni b'setgħat kbar li jippermettulu sabiex jaġixxi bħala investigatur, prosekutur u qorti, filwaqt li jimponi kif fil-fatt għamel, pieni sostanzjali u punittivi. Għalhekk il-liġi ma kinitx tissalvagwardja d-dritt tagħha għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali. Qal li s-soċjetà rikorrenti hija tal-fehma li l-allegat sejbien jistrieħ fuq interpretazzjoni tassew soġġettiva tar-regoli ġenerali li jagħmlu parti mill-qafas legali.

10. Permezz ta' nota ppreżentata fit-2 ta' Novembru, 2023, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat is-segwenti dokumenti: (a) kopja tal-*Implementing Procedures* applikabbli fiż-żmien li sar l-eżami tal-konformità[12]; (b) kopja tas-*sanctions policy* tal-istess Korp intimat fiż-żmien li sar l-eżami tal-konformità[13]; (ċ) kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-*Compliance Monitoring Committee* tal-10 ta' April, 2023, fejn ġie diskuss il-każ tas-soċjetà rikorrenti[14]; (d) kopja tad-dokument intestat '*Compliance Monitoring Committee: Governing Principles and Framework'*[15]; u (e) kopja tas-*Sanction Tool* adoperata fil-każ tas-soċjetà rikorrenti.[16]

11. Waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2023, xehdet **Elena Tabone**, prodotta mis-soċjetà rikorrenti. Spjegat li hija kienet tokkupa l-kariga ta' kap tas-sezzjoni tal-infurzar fi ħdan il-Korp intimat, u hija kienet ilha f'din il-kariga

[12] Dok. A *a fol.* 179 tal-proċess.
[13] Dok. B *a fol.* 316 tal-proċess.
[14] Dok. C *a fol.* 343 tal-proċess.
[15] Dok. D *a fol.* 356 tal-proċess.
[16] Dok. E *a fol.* 366 tal-proċess.

sa minn Ottubru 2021. Hija spjegat fil-qasir ir-responsabbiltajiet tagħha, u anki il-proċess tal-eżami ta' konformità li jsir min-naħa tas-sezzjoni ta' superviżjoni tal-Korp intimat, li jwassal għall-ħruġ tal-*potential breaches letter* fejn il-persuna suġġetta tiġi mistiedna li tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha. Spjegat li sussegwentement il-każ jgħaddi għas-sezzjoni tal-infurzar, li tevalwa dak li jkun ġie kkonstatat mis-sezzjoni ta' superviżjoni, u anki r-rappreżentazzjonijiet u l-evidenza li tkun ġiet ippreżentata min-naħa tal-persuna suġġetta, sabiex b'hekk tiġi faċilitata d-diskussjoni tal-Kumitat. Ikkonfermat li l-persuna suġġetta għandha l-għażla li titlob għal-laqgħa, inkluż mal-Kumitat. Spjegat li minn Jannar ta' dik is-sena, id-dritt li tintalab laqgħa kien qiegħed jiġi ndikat fil-*potential breaches letter.* B'riferiment għall-minuti tal-Kumitat esebiti bħala 'Dok. C' *a fol.* 334 *et seq.*, ikkonfermat li l-persuni ndikati hemmhekk kienu kollha impjegati tal-Korp intimat, u spjegat ir-rwoli rispettivi tagħhom. Hija spjegat ukoll ir-rwol tal-Kumitat, u kif dan jiffunzjona. B'riferiment għal 'Dok. D' esebit *a fol.* 356 *et seq.* tal-proċess, ix-xhud spjegat li dan mhux aċċessibbli għall-pubbliku, u jipprovdi dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat u kif dan għandu jiffunzjona. Ix-xhud qalet li l-Kumitat jiltaqa' u jdum jiddelibera fuq każ skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, u l-persuna suġġetta qatt ma tkun preżenti meta tittieħed deċiżjoni. Ix-xhud imbagħad spjegat l-import ta' 'Dok. B' li jikkostitwixxi s-*Sanctions Policy,* u li huwa dokument intern iżda jsir riferiment għalih fir-rapport annwali permezz ta' sommarju tal-kontenut tiegħu, u kif din il-*policy* titħaddem flimkien mas-*Sanctions Tool* li kopja tagħha hija esebita bħala 'Dok. E' *a fol.* 366 *et seq.* Irrilevat li waqt il-laqgħa tal-Kumitat ikun preżenti l-*enforcement officer,* imma dan ma jkollux vot. Ikkonfermat li sottomissjonijiet dwar il-*quantum* tal-piena amministrattiva

ma jsirux min-naħa tal-persuna suġġetta, għaliex f'dak l-istadju tad-deliberazzjoni quddiem il-Kumitat, huwa ma jkunx jaf bl-imsemmi *quantum,* iżda qalet li jkun hemm persuni suġġetti li madanakollu jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom meta jippreżentaw ir-rappreżentazzjonijiet.

12. Waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2024, xehdet **Dr. Vanessa Grech**, Reġistratur tal-Qrati Ċivili, prodotta mill-Korp intimat. Irrilevat li minn riċerka li saret, kien irriżulta li ma kien hemm l-ebda proċeduri fejn kienu parti l-persuni ndikati fl-inġunzjoni.

13. Waqt l-istess udjenza, il-Korp intimat ippreżenta nota li permezz tagħha esebixxa s-segwenti dokumenti: (a) estratt mis-sit elettroniku tal-Malta Business Registry, li juri d-dettalji tas-soċjetà rikorrenti[17]; (b) kopja ta' riżoluzzjoni tal-azzjonisti tas-soċjetà rikorrenti fejn inbiddel l-isem tagħha[18]; (ċ) estratt mis-sit elettroniku tal-Qrati minn fejn kien jirriżulta li s-smigħ tal-appelli relattivi kien jaqbeż it-terminu ta' sitt xhur[19]; u (d) affidavit[20] ta' Elena Tabone, Kap tas-Sezzjoni tal-Infurzar, u dan flimkien ma' diversi dokumenti annessi miegħu.

14. Fl-imsemmi affidavit, ix-xhud **Elena Tabone** ikkonfermat li hija tokkupa l-kariga ta' Kap tal-Infurzar mal-Korp intimat, fejn hija kienet ilha taħdem għal dawk l-aħħar disa' snin, li minnhom għamlet l-aħħar tliet snin fl-imsemmija kariga. Hija spjegat li skont il-Kap. 373, il-Korp intimat għandu diversi funzjonijiet li jinqasmu prinċipalment fi tlieta, jiġifieri l-funzjoni analitika, il-

[17] Dok. FIAU1 *a fol.* 400 tal-proċess.
[18] Dok. FIAU2 *a fol.* 404 tal-proċess.
[19] Dok. FIAU3 *a fol.* 420 tal-proċess.
[20] Dok. FIAU4 *a fol.* 432 tal-proċess.

funzjoni superviżorja, u l-funzjoni tal-infurzar, u għaddiet sabiex spjegat fil-qosor dawn id-diversi funzjonijiet tiegħu. Spjegat ukoll x'ifisser l-eżami ta' konformità, u li l-obbligu superviżorju tal-Korp intimat għandu jiġi mħares skont '*a risk based approach',* fejn saħansitra għandu *'Risk Assessment Team'* li jagħmel parti mis-Sezzjoni Superviżorja, u li jevalwa l-livell ta' riskju li tippreżenta kull persuna suġġetta fir-rigward tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, bl-għajnuna ta' sistema elettronika magħrufa bħala CASPAR. Hawnhekk ix-xhud spjegat kif din is-sistema ġiet evalwata minn entitajiet barranin bħall-European Banking Authority u l-Kummissjoni Ewropea, u kif sussegwentement ġiet imsaħħa skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Moneyval u l-FATF. Ix-xhud spjegat il-proċedura ta' kif jibda u jitwettaq eżami ta' konformità min-naħa tas-Sezzjoni Superviżorja[21], anki bl-assistenza ta' terzi skont is-setgħa li tingħata lill-Korp intimat taħt l-artikolu 26A tal-Kap. 373. Fl-għeluq tal-proċedura, tintbagħat *potential breaches letter,* u hawnhekk għamlet riferiment għall-ittra li ntbagħtet lis-soċjetà rikorrenti kif annessa mal-affidavit tagħha[22], fejn il-persuna suġġetta tiġi mistiedna tagħmel ir-rappreżent-azzjonijiet tagħha, li fil-każ odjern saru.[23] Ix-xhud enfasizzat li s-Sezzjoni tas-Superviżjoni u s-Sezzjoni tal-Infurzar tal-Korp intimat huma għal kollox distinti, kif inhuma wkoll l-impjegati tas-sezzjonijiet rispettivi. Spjegat li hekk kif tintbagħat il-*potential breaches letter,* ir-rwol tas-Sezzjoni tas-Superviżjoni tintemm, u b'hekk jibda dak tas-Sezzjoni tal-Infurzar, li jgħaddi d-dokumenti kollha lill-Kumitat, anki dawk li jkunu nġabbru mingħand il-persuna suġġetta min-naħa tas-Sezzjoni tal-Infurzar. Hawnhekk ix-xhud spjegat kif huwa kompost

[21] Dok. A *a fol.* 438.
[22] Dok. B *a fol.* 441.
[23] Dok. C *a fol.* 465.

il-Kumitat, u x'isir hekk kif jiġu ppreżentati d-dokumenti kollha quddiemu, filwaqt li għamlet riferiment għad-dokument intestat '*Compliance Monitoring Committee: Governing Principles and Framework'* anness mal-affidavit tagħha.[24] Fejn il-Kumitat isib li tassew kien hemm ksur min-naħa tal-persuna suġġetta, huwa jistabbilixxi piena amministrattiva *ai termini* tar-Regolament 21 tar-Regolamenti, u bl-għajnuna tas-*Sanction Tool* li ġiet żviluppata fil-parametri tal-liġi sabiex tgħin fl-eżerċizzju, b'dana li l-Kumitat kellu d-diskrezzjoni li jvarja l-piena f'każ li r-riżultat ma jkunx wieħed xieraq fiċ-ċirkostanzi. Qalet li din ġiet żviluppata wara diskussjonijiet u talbiet tal-European Banking Authority u l-Kummissjoni Ewropea, fejn imbagħad ġiet approvata minn Moneyval. Irrilevat li kien magħruf pubblikament li fis-sena 2018 kienu ġew istitwiti '*infringement proceedings'* minħabba nuqqas ta' infurzar effettiv, u dawn il-proċeduri ġew stabbiliti mill-awtoritajiet Ewropej, wara li saret riforma ta' kif jitwettaq l-eżami ta' konformità u l-mod ta' kif għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet. Ix-xhud qalet li sussegwentement il-persuna suġġetta tiġi mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-Kumitat, fejn fir-rigward tal-każ odjern għamlet riferiment għall-kopja esebita mal-affidavit tagħha[25], u dan wara li l-Kumitat ikun iltaqa' mal-persuna suġġetta jekk din tkun għamlet it-talba appożita, li dejjem tintlaqa' min-naħa tal-Kumitat. Hawnhekk ix-xhud ippreżentat *flow chart* tal-proċess sħiħ.[26] Qalet li fil-każ odjern is-soċjetà rikorrenti ma kienet għamlet l-ebda talba. Hija spjegat li d-deċiżjoni finali tal-Korp intimat kienet appellabbli quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) *ai termini* tal-artikolu 13A tal-Kap. 373, imma hawnhekk is-soċjetà rikorrenti ma kienet intavolat l-ebda appell, u fit-3 ta' Mejju, 2023 hija

---

[24] Dok. D *a fol.* 645.
[25] Dok. E *a fol.* 655.
[26] Dok. F *a fol.* 689.

kienet saħansitra ħallset il-piena amministrattiva mingħajr riżerva, u x-xhud hawnhekk esebiet prova tal-ħlas.[27] Ix-xhud irrilevat li s-soċjetà rikorrenti ppreżentat ukoll *Remediation Plan,* li kienet ser timplimenta min-naħa tagħha, u kopja tiegħu ġiet esebita mal-affidavit ukoll.[28] Hija kompliet tispjega li fil-proċeduri tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), il-Korp intimat jippreżenta il-*file* intern tiegħu bid-dokumentazzjoni kollha li kellu quddiem il-Kumitat meta ddeċieda l-każ tal-persuna suġġetta in kwistjoni. Qalet li dik il-Qorti regolarment tisma' l-provi, u għalhekk hija kemm-il darba kienet telgħet tixhed fil-proċeduri tal-appell. Irrilevat li l-Korp intimat huwa marbut bir-Regolament 13Ċ illi jippubblika s-sanzjonijiet li huwa jimponi fuq il-persuni suġġetti, iżda dawk li ma jeċċedux il-ħamsin elf Euro (€50,000) jiġu ppubblikati b'mod anonimu. Spjegat li dan huwa skont id-Direttiva Ewropea, u l-verżjoni preżenti tar-Regolament 13Ċ saret wara rakkomandazzjoni tal-Moneyval, u hawnhekk għamlet riferiment għar-rapport tal-Moneyval ta' Lulju 2019, li kopja tiegħu hija esebiet flimkien mal-affidavit tagħha.[29] Qalet li anness wkoll kien hemm kopja tal-avviż relattiv fir-rigward tas-soċjetà rikorrenti[30], u żiedet tgħid illi li kieku din kienet iddeċidiet li tappella mid-deċiżjoni tal-Korp intimat, l-eżitu tal-appell ukoll kien jiġi ppubblikat. Hawnhekk hija għamlet riferiment għal kopja tal-avviż relattiv fir-rigward ta' persuna terza, li ġiet annessa ukoll mal-affidavit tagħha.[31]

15. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2024, il-Korp intimat esebixxa kopja legali tal-avviż ippubblikat minnu stess fir-rigward ta' miżuri amministrattivi li

[27] Dok. G *a fol.* 690.
[28] Dok. H *a fol.* 692.
[29] Dok. I *a fol.* 791.
[30] Dok. J *a fol.* 1023.
[31] Dok. K *a fol.* 1031.

ttieħdu fil-konfront ta' terza persuna suġġetta, kif aġġornat wara li ġie deċiż l-appell amministrattiv[32], u kopja legali ta' estratt mir-Reġistru tas-Servizzi Finanzjarji tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, li juri l-liċenzja li kienet inħarġet favur is-soċjetà rikorrenti.[33]

16. Waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2024, xehed **Kemal Sahin**, in kontro-eżami mill-Korp intimat. Ikkonferma li s-soċjetà rikorrenti fil-proċeduri odjerni hija Trive Financial Services Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 60473, u din qabel kienet magħrufa bl-isem AFKX Financial Services Limited. Ikkonferma wkoll li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur u ta' rappreżentant legali u ġudizzjarju tas-soċjetà rikorrenti, li tipprovdi servizzi ta' investiment. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien ukoll professjonist fil-qasam tal-finanzi. Spjega li s-soċjetà rikorrenti għandha liċenzja ta' *broker* fin-negozju tat-titoli, u anki sabiex tipprovdi servizzi ta' investiment kif maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u b'hekk hija kienet tikkwalifika bħala persuna suġġetta. Ix-xhud ikkonferma li huwa ilu fil-karigi rispettivi tiegħu sa mil-24 ta' Ġunju, 2021, u skont l-affidavit tiegħu l-benefiċċjarji aħħarin kienu nbiddlu f'Jannar 2022, wara li saru diversi negozjati li kienu bdew għall-ħabta taż-żmien li huwa kien daħal fir-rwoli tiegħu mas-soċjetà rikorrenti. B'hekk huwa kien ukoll involut fin-negozjati. Ikkonferma li dak iż-żmien kien sar eżerċizzju ta' diliġenza msaħħa, u anki kien sar apprezzament tal-*policies* u tal-proċeduri tas-soċjetà rikorrenti. Huwa kien jaf ukoll li dak iż-żmien kienet qiegħda ssir investigazzjoni min-naħa tal-Korp intimat, u l-ammont tal-piena amministrattiva eventwalment imposta kienet ħasdithom. Spjega li l-impatt kien wieħed li huma ma stennewx, kemm mil-lat

[32] Dok. F *a fol.* 1042.
[33] Dok. G *a fol.* 1053.

ta' finanzi, imma anki mil-lat ta' reputazzjoni, fejn kien hemm effett fuq il-grupp mad-dinja kollha. Ix-xhud qal li huma ma kienux basru li kienet ser tiġi mposta piena amministrattiva, imma li tingħata biss twissija, partikolarment għaliex kien għadda żmien konsiderevoli minn meta saret l-investigazzjoni. Kien proprju għal din ir-raġuni li ma kienx sar appell, fejn il-*management* kollu, mill-uffiċjal kap eżekuttiv sar-*reception,* kienu nbiddlu u għalhekk ma kienx possibbli li f'għoxrin jum jitħejja appell. Ikkonferma li l-unika korrispondenza li ntbagħtet min-naħa tas-soċjetà rikorrenti kienet permezz tal-ittra tat-23 ta' Mejju, 2023, li għaliha ma rċeviet l-ebda tweġiba.

17. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2024, xehdet **Elena Tabone**, prodotta in kontro-eżami mis-soċjetà rikorrenti. Ikkonfermat li l-impjegati tas-Sezzjoni ta' Superviżjoni huma impjegti tal-Korp intimat, u jitħallsu minnu wkoll. L-istess l-impjegati tas-Sezzjoni ta' Infurzar. Ikkonfermat ukoll li fil-*potential breaches letter* ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni tal-piena amministrattiva li l-Korp intimat ikun intenzjonat li jimponi, jew li tista' tiġi mitluba laqgħa. Ix-xhud irrilevat li kull darba li persuna suġġetta talbet li ssir laqgħa, it-talba tagħha dejjem intlaqgħet. Spjegat li fl-2019 is-Sezzjoni tal-Infurzar u dik ta' Superviżjoni ma kienux distinti minn xulxin, iżda imbagħad meta l-każ odjern tela' quddiem il-Kumitat fl-10 ta' April, 2023, kienet ilha li saret diviżjoni bejn dawn iż-żewġ sezzjonijiet. Ix-xhud ikkonfermat li d-dokument '*Compliance Monitoring Committee: Governing Principles'* ma kienx aċċessibbli għall-pubbliku, iżda kien hemm riferiment għalih fis-sit elettroniku tal-Korp intimat, u anki fir-rapport annwali tiegħu ta' kull sena, li huma t-tnejn aċċessibbli għall-pubbliku. L-istess is-*Sanctions Policy* u s-*Sanctions Tool.* Qalet li l-membri tal-Kumitat huma kollha impjegati tal-Korp intimat, u jitħallsu minnu wkoll. Ix-xhud spjegat li l-persuna

suġġetta ma tkunx preżenti waqt il-laqgħa tal-Kumitat, u fil-każ odjern is-soċjetà rikorrenti ma kinitx għamlet talba sabiex tattendi. Spjegat li Dok. F anness mal-affidavit tagħha, kien ġie mħejji għall-fini tal-proċeduri odjerni u oħrajn simili, u ma kienx dokument uffiċjali.

**Konsiderazzjonijiet legali**

16. Il-Korp intimat, permezz tal-ħames eċċezzjoni tiegħu jirrileva li huwa mhuwiex il-leġittimu kuntradittur. Jissottometti li l-kwistjoni jekk il-liġi hija leżiva ta' dritt fundamentali o meno, jista' biss iwieġeb għaliha l-intimat Avukat tal-Istat. Filwaqt li l-Qorti tikkunsidra li l-Korp intimat hawnhekk għandu raġun, ma tistax tiskarta l-fatt li s-soċjetà rikorrenti f'dawn il-proċeduri qiegħda wkoll tattakka l-mod kif l-istess Korp intimat mexxa l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv, kif ukoll kif dan iddeċieda dwar l-allegat sejbien ta' ksur tal-liġi fil-konfront tagħha, u tallega li dawn ġew eżegwiti bi ksur tas-subartikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u tal-para. (a) tas-subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni. Is-soċjetà rikorrenti saħansitra qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara nulli l-imsemmija proċeduri u deċiżjoni tal-Korp intimat. Għalhekk il-Qorti tikkunsidra li l-Korp intimat għandu kull interess li jipparteċipa fil-proċeduri odjerni għaliex l-eżitu tagħhom ċertament jista' jolqtu direttament. Tqis li bħala parti minn dawn il-proċeduri, huwa jkun jista' jiddefendi l-operat u d-deċiżjoni tiegħu.

19. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jirrileva li azzjoni dwar validità o meno ta' liġi għandha ssir taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni u mhux permezz tal-proċeduri preżenti. Jikkontendi li għalhekk it-talbiet relattivi li qiegħda tagħmel is-soċjetà rikorrenti huma improponibbli u

mhux permissibbli. L-intimati bħal donnhom jagħtu x'jifhmu li n-nullità ta' liġi tista' tiġi ppronunzjata biss minn Qorti *ai termini* tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, mentri dan mhuwiex il-każ. Dan għaliex l-*actio popolaris* taħt l-imsemmi artikolu 116, tagħti d-dritt ta' azzjoni lill-persuni kollha mingħajr distinzjoni, għal dikjarazzjoni li xi liġi tkun invalida għal xi raġuni, ħlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, u persuna li ġġib azzjoni bħal dik ma tkunx meħtieġa turi xi interess personali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha. L-imsemmi artikolu 116 jagħmilha ċara illi fir-rigward ta' azzjonijiet dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem taħt l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, ma tistax tinġieb 'il quddiem l-*actio popolaris*, u huwa meħtieġ li l-persuna li ġġib l-azzjoni turi interess personali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha. Il-Qorti tirrileva li jirriżulta li t-talba (b) tas-soċjetà rikorrenti qiegħda ssir għal dak li jirrigwarda lilha stess, u l-applikazzjoni jew l-effett tad-disposizzjonijiet hemm imsemmija fil-konfront tagħha. Dan joħroġ ferm ċar mit-talbiet l-oħra wkoll li qegħdin isiru bl-istess mod. Għaldaqstant m'hemmx dubju li l-azzjoni ma tistax issir taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, imma kellha ssir *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, kif fil-fatt saret. Il-Qorti għal din ir-raġuni tiċħad l-eċċezzjoni li qiegħed iressaq l-intimat Avukat tal-Istat u anki dik tal-Korp intimat permezz tar-raba' eċċezzjoni tiegħu.

20. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat qiegħed jikkontendi li s-soċjetà rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, u għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod lura milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt is-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319, u dan ukoll fid-dawl ta' diversi sentenzi li ġew deċiżi taħt l-imsemmija subartikoli. Il-Korp intimat permezz tat-tieni eċċezzjoni

tiegħu, isostni li s-soċjetà intimata kellha rimedju ordinarju effettiv għad-dispożizzjoni tagħha, u dan taħt l-artikolu 13A tal-Kap. 373, iżda hija kienet naqset li tipprevalixxi ruħha minnu. Imma l-Qorti tikkunsidra li l-lanjanzi li qiegħda tressaq is-soċjetà rikorrenti, huma dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha, liema kwistjonijiet jistgħu biss jiġu deċiżi minn din il-Qorti skont is-setgħat mogħtija lilha taħt is-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319. Għaldaqstant l-eċċezzjonijiet rispettivi tal-intimati mhumiex ġustifikati, u l-Qorti tiċħadhom.

21. Sorvolati dawn il-kwistjonijiet preliminari, il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tal-ilment li qiegħed jitressaq quddiemha mis-soċjetà rikorrenti. Tagħraf li permezz tal-ewwel talba tagħha, hija qiegħda tippretendi li din il-Qorti tiddikjara li l-artikoli 12A u/jew 13 u/jew 13A u/jew13B, 13Ċ u/jew 18 u/jew 19 tal-Kap. 373, flimkien mar-regolament 21 tar-Regolamenti, jiksru d-drittijiet fundamentali tagħha hekk kif protetti mis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew is-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

22. Is-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid:

> "39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."

23. Is-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif traspost fil-liġi Maltija permezz tal-Kap. 319, jipprovdi kif ġej:

> (1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza

għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."

24. Sabiex dawn id-disposizzjonijiet appena ċitati jistgħu jitqiesu li huma applikabbli fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, għandu jirriżulta proċess fejn hija ġiet akkużata u nstabet ħatja ta' reat kriminali. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li l-ilmenti kollha tas-soċjetà rikorrenti ma jistgħux jitqiesu fil-parametri tas-subartikolu 39(1) u tas-subartikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni, filwaqt li ma jsemmi xejn dwar l-applikabbilità tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u dan jgħid għaliex l-artikoli kollha tal-liġi u r-regolament tal-liġi sussidjarja li qegħdin jiġu attakkati mis-soċjetà rikorrenti, ma jagħtux lok għal determinazzjoni ta' reat jew ta' akkuża kriminali.

25. Hawnhekk għandu mill-ewwel jiġi rilevat li t-terminoloġija adoperata mis-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni suċitat, issib interpretazzjoni wiesgħa mill-QEDB, fejn din tikkunsidra li t-tifsira għandha tkun waħda awtonoma u oġġettiva minn dik li tirriżulta fil-liġi domestika. B'hekk l-Istati Membri ma jistgħux b'mod arbitrarju iwarrbu l-protezzjoni tal-garanziji li jipprovdi dan is-subartikolu liċ-ċittadin, permezz ta' terminoloġija li ma tirriflettix ġustament l-import tal-liġi.[34] Hekk l-istess il-qrati kostituzzjonali tagħna bdew jagħtu

[34] Ara l-każ ta' **Neumeister**, 27.06.1968, u l-każ ta' **Engel**, 08.06.1976. Ara wkoll il-każ ta' **Demicoli**, 27.08.1991.

interpretazzjoni wiesgħa għat-terminoloġija misjuba taħt is-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XIV tal-1987.[35]

26. Fil-każ ta' **Engel**[36], il-QEDB identifikat tliet kriterji li għandhom jiġu eżaminati sabiex jiġi stabbilit jekk tassew l-akkuża hijiex waħda ta' natura kriminali. Il-kriterji baqgħu jiġu applikati minn dik il-qorti, u sussegwentement ġew addottati anki mill-qrati kostituzzjonali tagħna. Dawn il-kriterji huma: (a) il-klassifikazzjoni tal-akkuża skont il-liġi domestika; (b) in-natura tar-reat; u (ċ) in-natura u s-severità tal-piena li tista' tiġi mposta.

27. Applikat l-ewwel kriterju stabbilit mill-QEDB għall-fatti tal-każ odjern, il-Qorti tagħraf li d-disposizzjonijiet tal-liġi li fir-rigward tagħhom is-soċjetà rikorrenti qiegħda tressaq l-ilment tagħha, ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu fil-kamp tal-liġi kriminali, għaliex mill-qari tagħhom huwa ċar li dawn huma ntiżi sabiex jirregolaw l-attività tal-persuna suġġetta mil-lat amministrattiv. Hekk ukoll hija tal-fehma l-Qorti għal dak li jirrigwarda t-tieni kriterju, li jikkonċerna n-natura tal-allegati offiżi, li għalhekk tqis li jikkostitwixxu ksur ta' obbligi ta' natura amministrattiva. Iżda huwa proprju meta jiġi applikat it-tielet kriterju għall-każ odjern, li l-ilment tas-soċjetà rikorrenti isib sostenn. Skont l-insenjament tal-QEDB, jekk multa hija ntiża bħala deterrent u sabiex timponi kastig fuq il-ħati, din għandha tiġi kkunsidrata bħala piena kriminali, u b'hekk il-proċeduri fejn dik il-piena kriminali tiġi mposta, huma soġġetti għall-garanziji li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.[37]

[35] Ara **Anthony Coreschi *vs.* Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Kostituzzjonali, 21.07.1989.
[36] *Ibid.*
[37] Ara l-każ ta' **Ozturk**, 21.02.1984, u l-każ ta' **Lutz,** 25.08.1987.

28. Hawnhekk ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet **Rosette Thake noe et *vs.* Kummissjoni Elettorali et**[38], fejn il-Kummissjoni Elettorali, bħal fil-każ tal-Kumitat fil-proċeduri odjerni, imponiet multa amministrattiva fi proċeduri li r-rikorrenti allegaw kienu jiksru d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq:

*"62. Fit-tieni lok, din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti li l-massimu tal-multa amministrattiva li tista' timponi l-Kummissjoni huwa wieħed inġenti u huwa intiż sabiex iservi ta' piena għal min jikser l-obbligi tiegħu taħt l-Att u huwa wkoll ta' deterrent billi għandu l-għan li jipprevjeni aġir vjolattiv tal-Att. Għalhekk il-multa fil-livell massimu tagħha kontemplata fil-liġi ma tistax titqies bħala riżarċiment tad-danni jew bħala multa purament amminstrativa. Fir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-każistika, lokali u ewropea, ċitata* in extenso *mill-ewwel Qorti, u tosserva li fid-determinazzjoni tal-punt jekk multa amministrattiva għandhiex in-natura ta' piena, ma jiddependix min-nomenklatura li tingħata fil-liġi domestika, iżda tiddependi wkoll minn natura u mis-severità tal-multa.*

*63. Kif osservat din il-Qorti fil-każ **Angelo Zahra vs Prim Ministru**, ċitata fis-sentenza appellata,* "hemm kazijiet fejn il-multa amministrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bħala penali għax tenut kont tas-severità tagħha titqies derivanti minn akkuża kriminali ghall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzjoni". *Ukoll kif osservat mill-Qorti Ewropea fil-każ **Ezeh and Connors v. The United Kingdom** ċitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti fil-każ **Federation of Estate Agents**:*

> "the very nature of the offence is a factor of greater import…..However, supervision by the Court …. Would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring..".

*64. Fil-kaz odjern il-multa m'hijex intiża li tirrappreżenta kumpens pekunjarju għal dannu soffert, iżda hija essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent, imposta bi skop punittiv u li sservi ta' deterrent. Għaldaqstant ladarba l-multa amministrattiva għandha n-natura penali titqies li tirriżulta minn akkuża kriminali, b'mod li allura jiskatta d-dritt kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li* "Kull meta xi ħadd ikun

---
[38] Rik.nru. 25/2017.

akkużat b'reat kriminali huwa għandu ….. jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi". *Il-kliem tal-liġi huwa ċar li każ ta' akkuża ta' reat kriminali għandu jinstema' minn "qorti" biss u minn ebda organu ieħor u dan mill-bidu nett tal-proċeduri. Dan joħroġ aktar ċar mid-diċitura tas-subinċiż [2] tal-istess artikolu fejn il-liġi ssemmi mhux biss "qorti" iżda kuntrarju għas-subinċiż [1] isemmi wkoll "awtorità oħra ġudikanti." Dan ikompli jsaħħaħ it-teżi tal-attur li fil-każ odjern fejn il-multa għandha titqies bħala penali derivanti allura minn akkuża b'reat kriminali, il-liġi bażika tal-pajjiż tesiġi li sa mill-bidu nett is-smigħ tal-każ jibda milli jsir quddiem "qorti" u l-Kummissjoni mhijiex "qorti" fis-sens klassiku tal-kelma.*

*...*

*67. Rigward id-dirtt mogħti mill-Att li fiż-żmien tletin ġurnata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tiġi kontestata quddiem il-qrati ordinarji ċivili u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell, din il-Qorti tosserva li, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, dan ma jinnewtralizzax u ma jissanax l-anti-kostituzzjonalità tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni, stante li d-dritt kontemplat fis-subinċiż 1 tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jiskatta minn meta persuna tiġi akkużata b'reat kriminali quddiem il-Kummissjoni u għandu tipperdura sakemm jiġu finalizzati l-proċeduri kontra tagħha, u mhux minn meta l-Kummissjoni tkun ġia waslet għad-deċiżjoni tagħha!"*

29. Minn dak li stqarret il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha appena ċċitata, joħroġ ċar li ġaladarba l-multa hija ntiża sabiex isservi ta' piena, imma anki ta' deterrent fil-konfront tal-persuna li allegatament tkun kisret l-obbligi tagħha, din ma tistax tiġi kkunsidrata iktar bħala multa amministrattiva, u jistgħu jiġu invokati d-drittijiet imfissra fis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u fis-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

30. Fil-każ odjern, jirriżulta mid-disposizzjonijiet tal-para. (b) tas-subartikolu 13(1) tal-Kap. 373, fejn l-pieni amministrattivi jistgħu jkunu saħansitra fil-massimu ta' ħames miljun Euro (€5,000,000), li l-ħsieb tal-leġislatur kien sabiex jipprovdi għal mekkaniżmu fil-liġi li jservi kemm ta' deterrent fuq il-persuni suġġetti li għalihom tapplika dik il-liġi, imma anki ta' piena fil-każ li l-persuna

suġġetta tinstab li mhijiex konformi mal-obbligi tagħha kif imfissra taħt dik il-liġi jew taħt xi regolamenti li jkunu ġew magħmula mill-Ministru responsabbli. L-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu jammetti li d-deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha *'effetti serji'* fuq is-soċjetà rikorrenti. Il-Qorti tgħid li dan jista' jagħti lok għall-possibilità ta' impożizzjoni ta' piena amministrattiva eżaġerata u forsi wkoll inġusta f'każ ta' ksur mhux daqstant sinifikanti, u huwa proprju sabiex kull aġir arbitrarju min-naħa tal-Korp intimat jitrażżan, li ċ-ċittadin għandu jkollu l-protezzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

31. Tikkunsidra li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha suċitata, qieset ukoll jekk id-dritt ta' appell mogħti mil-liġi quddiem il-qrati ordinarji u sussegwentement quddiem il-qorti tal-appell, kellux is-saħħa li jissana l-antikostituzzjonalità tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni.[39] Imma fil-fehma tagħha dan ma setax ikun għaliex id-dritt garantit permezz tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kien jiskatta hekk kif persuna tiġi akkużata b'reat kriminali quddiem il-Kummissjoni, sakemm jiġu finalizzati l-proċeduri ntavolati quddiemha, u mhux wara li din tkun iddeċidiet l-każ quddiemha. Applikat dan l-insenjament, il-Qorti tikkunsidra li fil-kuntest speċifiku tal-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti kellha tiġi assigurata d-drittijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq *ai termini* tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, saħansitra fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Kumitat, li waqt dawn il-proċeduri rriżulta li huwa kompost mid-diretturi u mill-impjegati tal-Korp intimat stess li jkunu wettqu eżami ta' konformità u anki eżerċizzju ta'

[39] Ara Van Dijk & Van Hoof, *Theory and Practice of the European Convention on Huma Rights (*1990) p. 308 u il-każ ta' **Lutz,** 25.08.1987.

infurzar fil-konfront tal-persuna suġġetta. Hawnhekk ma jistax jonqos li l-Qorti tirrileva li l-Korp intimat stess kif jirriżulta mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 373, m'għandu l-ebda awtonomija, għaliex kif sewwa tirrileva s-soċjetà rikorrenti, il-membri tal-Bord tiegħu huma magħżulin mill-Ministru għal perijodu qasir ta' tliet snin, u mħallsa skont dak li jistabbilixxi l-istess Ministru. Jirriżulta wkoll lil din il-Qorti li s-soċjetà rikorrenti ġiet mitluba tippreżenta dik id-dokumentazzjoni ndikata lilha mill-Korp intimat, fejn tagħraf li fin-nuqqas hija kienet ser tkun suġġetta għas-sanzjonijiet relattivi skont ir-regolament 15 tal-L.S. 373.01. Dan matul proċess li l-istess Korp intimat jiddeskrivi bħala eżami ta' superviżjoni, iżda li attwalment iktar jixbah wieħed ta' investigazzjoni fl-operat tas-soċjetà rikorrenti min-naħa tas-sezzjonijiet ta' supervizjoni u ta' infurzar tal-Korp appellat.  Il-fehma ta' din il-Qorti tistrieħ sew fuq il-mod kif hija mfassla l-ittra tas-16 ta' Ottubru, 2019[40], fejn is-soċjetà rikorrenti fost affarijiet oħra ġiet mgħarrfa li l-iskop tal-eżami kien:

> *"...to examine and review the anti-money laundering and counter-financing of terrorism measures and procedures adopted by the Company in fulfilment of its obligations under the Act, the Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism Regulations (S.L. 373.01) ( the "PMLFTR") and the Implementing Procedures issued thereunder, and to conduct a detailed assessment of their application in practice...".*

Għalhekk f'għajnejn is-soċjetà rikorrenti, l-eżerċizzju kellu jkun wieħed ta' eżami iżda mhux ta' infurzar, u saħansitra mkien m'hemm indikati l-konsegwenzi li setgħu jsegwu jekk kellu jiġi kkonstatat xi nuqqas min-naħa tagħha.  Dan sabiex hija kellha tħejji ruħha aħjar fil-konfront ta' dak li kien ser jiġi mitlub minnha waqt l-istess investigazzjoni, jekk tassew kellha tiġi assigurata

[40] *A fol.* 438 tal-proċess.

l-parità tal-armi. Il-Qorti tirrileva li saħansitra l-aħħar linja tal-*potential breaches letter,* fejn jingħad li *"[t]he FIAU would like to make it clear that the contents of this letter are without prejudice to any other regulatory action that may be taken against AKFX Financial Services Ltd for breach of the PMLFTR and the IPs",* hija ndikattiva tan-natura tal-proċess eventwalment eżegwit, jiġifieri tassew dik ta' investigazzjoni iktar milli ta' superviżjoni. Huwa evidenti wkoll minn dik l-ittra, li f'dak l-istadju l-każ tas-soċjetà rikorrenti kien ser jitressaq quddiem il-Kumitat sabiex dan jiddelibera u jiddeċiedi dwar ir-riżultat tal-eżami tal-konformità u dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi jekk ikun il-każ.[41] Għaldaqstant anki f'dak l-istadju, is-soċjetà rikorrenti setgħet tinvoka d-drittijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif deċiż mill-QEDB fil-każ ta' **Foti[42]**, fejn ingħad li:

> *"[w]hilst 'charge', for the purposes of Article 6 para. 1, may in general be defined as 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence', it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect".*

32. Barra minn hekk, il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li wara li l-eżami tal-konformità li seħħ bejn is-16 ta' Ottubru, 2019 u l-21 ta' Novembru, 2019, ġie segwit xhur wara fit-22 ta' Lulju, 2020, permezz tal-*potential breaches letter* iffirmata mis-*Senior Associate, Supervision and Enforcement* u mis-*Senior Manager, Supervision and*

---

[41] *"The Company's representations and/or clarifications will be taken in consideration by the FIAU's Compliance Monitoring Committee in determing whether the findings of this compliance review constitute breaches of the provisions of the PMLFTR and/or the FIAU's Implementing Procedures and in deliberating on any administrative sanctions that may be imposed",* paġna 22 *a fol.* 36 tal-proċess.
[42] 10.12.1982.

*Enforcement,* li għal darb'oħra ma tat l-ebda ħjiel tal-piena amministrattiva li s-soċjetà rikorrenti kienet esposta għaliha f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-obbligi tagħha skont il-liġi, regolamenti u proċeduri. Meħud in konsiderazzjoni li kif indikat fl-imsemmija ittra, l-eżami kien qiegħed jitwettaq ukoll min-naħa tal-*Enforcement* tal-Korp intimat, is-soċjetà rikorrenti kellha tkun mgħarrfa sew bil-konsegwenzi ta' dawk in-nuqqasijiet li setgħu jiġu kkonstatati sabiex tħejji ruħha tajjeb, imma minflok, kważi erba' snin wara, hija sabet ruħha rinfaċċjata bid-deċiżjoni tal-Korp intimat fejn dan kien iddeċieda li jimponi fuqha piena amministrattiva pjuttost qawwija ta' €133,148, li kellha titħallas f'għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Korp intimat, u dan f'ċirkostanzi li ma kienux jippermettu li tikseb faċilment l-evidenza relattiva sabiex tħejji tajjeb id-difiża tagħha għall-appell. Ċertament it-trapass ta' kważi erba' snin ma jistax jitqies bħala wieħed raġonevoli, fejn għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-Korp intimat ma ppreżenta l-ebda spjegazzjoni għaliex huwa kellu bżonn daqstant żmien sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu, u anki li kwalunkwe difiża li setgħet tagħmel is-soċjetà rikorrenti kienet iddgħajfet minħabba li l-evidenza ma kinitx daqstant faċli aktar għaliha li tiksibha wara l-bidla fl-azzjonisti tagħha u fl-amministrazzjoni sħiħa tagħha. Hawnhekk il-Korp intimat qiegħed jippretendi li peress li s-soċjetà rikorrenti naqset li tippreżenta appell fil-konfront tad-deċiżjoni tiegħu, u saħansitra ħallset il-piena amministrattiva, hija b'hekk irrinunzjat għad-dritt tagħha li tintavola l-preżenti proċeduri. Jinsisti li wara kollox hija dejjem l-istess persuna ġuridika kienet u baqgħet. Iżda l-Qorti ssib li s-soċjetà rikorrenti kienet ġustifikata li l-imsemmija deċiżjoni ħaditha b'sorpriża minħabba t-trapass ta' kważi erba' snin minn meta l-Korp intimat wettaq l-investigazzjoni tiegħu, u ġustifikat wkoll fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-

każ huwa kull ilment dwar l-impossibiltà li tħejji difiża tajba, u l-ħsara potenzjali jew reali li l-impożizzjoni tal-piena amministrattiva wara daqshekk tul ta' żmien seta' kellha fuq l-operat u r-reputazzjoni tagħha. Imma fiċ-ċirkostanzi li ċertament ma ġabithomx fuqha hija stess, il-Qorti ma tistax tikkunsidra li bin-nuqqas tagħha li tintavola appell mid-deċiżjoni, is-soċjetà rikorrenti b'hekk irrinunzjat għad-dritt tagħha li tintavola l-preżenti proċeduri.

31. Hawnhekk il-Qorti tikkunsidra li l-argument tal-Korp intimat li s-soċjetà rikorrenti kellha kull opportunità li tressaq il-provi tagħha quddiemu qabel ma dan wasal għad-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha, ma jista' iwassal imkien, għaliex il-Kumitat ma jistax jitqies qatt bħala wieħed indipendenti u imparzjali f'dawn iċ-ċirkostanzi, wisq inqas ma huwa tribunal imwaqqaf bil-liġi, għaliex huwa l-Korp intimat stess li jagħżel li jikkostitwih u saħansitra jirregola l-proċeduri tiegħu b'mod arbitrarju għall-aħħar, u li ma jħallix dubju li m'hemm l-ebda parità tal-armi f'dak li huma termini għall-preżentata ta' sottomissjonijiet mill-partijiet rispettivi.

32. Il-Qorti tqis ukoll il-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tal-persuna suġġetta fl-istadju tal-appell, kif dawn joħorġu mil-liġi, u mfissra taħt l-artikoli 207 u 208 tal-Kap. 12, fosthom fuq id-dritt li tippreżenta provi tagħha, u tas-subartikolu 13A(5) tal-Kap. 373 li jirrestrinġi t-terminu ta' smigħ tal-proċeduri tal-appell għal sitt xhur fejn dan il-perijodu jista' jiġi estiż biss bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew taħt kundizzjonijiet straordinarji. Kif sewwa tirrileva is-soċjetà rikorrenti, f'dawk il-proċeduri l-oneru tal-prova jitpoġġa bil-liġi għal kollox fuqha, għaliex hija tersaq quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex tiskolpa ruħha mill-allegati nuqqasijiet ikkonstatati mill-Korp intimat. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax

punt ieħor li fil-fehma tagħha jkompli jġib fix-xejn id-dritt tal-persuna suġġetta għal smigħ xieraq. Tikkunsidra li l-persuna suġġetta hija saħansitra imċaħħda għal kollox mid-dritt tal-eżami doppju tal-kwistjoni, għaliex anki jekk hija tingħata d-dritt li tressaq il-provi fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti sabiex tirribatti l-allegazzjonijiet magħmula mill-Korp intimat f'kuntest ta' liġi, regolamenti u regoli vagi għall-aħħar fejn dawn ifissru l-obbligi tal-persuna suġġetta, dan id-dritt li tassew kif tgħid huwa fid-diskrezzjoni tal-ġudikant li marbut b'termini strettissimi, u meħud in konsiderazzjoni s-solita kumplessità ta' każijiet bħal tagħha, m'hemm l-ebda possibilità skont il-liġi sabiex hija tkun tista' tressaq appell proprju mid-deċiżjoni ta' dik il-qorti li hija waħda finali, ġaladarba hija qorti tal-appell. B'hekk fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ifalli l-argument miġjub mill-intimat Avukat tal-Istat permezz tal-ħdax-il eċċezzjoni tiegħu, li skont l-artikolu 13A tal-Kap. 373, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kemm fuq punti ta' liġi u anki fil-mertu.

33. Fl-aħħarnett il-Qorti tqis li tassew il-Kap. 373, flimkien mar-regoli u r-regolamenti sussidjarji, ġew fis-seħħ bil-għan li l-Istat jonora l-obbligi tiegħu Komunitarji u internazzjonali. Madankollu wieħed ftit jista' jifhem kif il-Korp intimat donnu qed jippretendi li għalhekk id-disposizzjonijiet tal-imsemmija liġi, regoli u regolamenti, stante li jittrasponu l-imsemmija obbligi fil-liġi tagħna, għandhom jitqiesu li huma konformi mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan il-Qorti tgħidu għaliex ġeneralment l-obbligi Komunitarji u dawk internazzjonali mposti fuq l-Istati Membri, huma pjuttost wesgħin, fejn l-implimentazzjoni tagħhom fil-liġi domestika titħalla fid-diskrezzjoni tal-istess Stati Membri jew Firmatarji, inkluż l-infurzar u l-konsegwenzi ta' ksur. Il-Qorti

tirrileva li hekk l-Artikolu 59 tad-Direttiva 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li jipprovdi għas-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti mill-Istati Membri f'każ ta' ksur min-naħa tal-persuna suġġetta, iħalli għal kollox fid-diskrezzjoni tal-istess Stati Membri dik il-proċedura li permezz tagħha għandhom jiġu mposti l-imsemmija sanzjonijiet. Għaldaqstant l-argument tal-Korp intimat ma jistax jirnexxi. Imma hawnhekk il-Qorti tieħu wkoll l-opportunità li tindirizza l-aħħar sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward tal-mod xejn ċar li bih huma miktuba l-liġi, ir-regolamenti u r-regoli. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx, u tgħid li dan jista' jagħti lok għal azzjoni arbitrarja għal kollox min-naħa tal-Korp intimat, u għaldaqstant iktar jirrikjedi proċess li jirrispetta d-drittijiet fundamentali kif sanċiti mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, li huma ntiżi proprju sabiex irażżnu din l-arbitrarjetà, u jsib bilanċ bejn dak li huwa neċessarju fl-interess pubbliku u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin.

34. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti. Iżda dan ifisser li ġaladarba l-liġi hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħha, dak kollu li sar taħtha ma jistax jitqies li seħħ b'mod li ħares l-istess drittijiet fundamentali. Madankollu tagħraf li ta' dan m'għandux jaħti bl-ebda mod il-Korp intimat, li kif sewwa jikkontendi, kien biss qed iħares il-liġijiet magħmulin mill-Istat. Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-Korp intimat li t-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħlas ta' danni morali mhijiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà, il-Qorti tikkunsidra li t-talba in kwistjoni fiha nnifisha tfisser ukoll li qiegħda ssir talba għal dikjarazzjoni ta' responsabiltà, li wara kollox hija riflessa sew fit-talbiet ta' qabel.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi:**

**1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Korp intimat;**

**2) Tiċhad ukoll l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat tal-Istat;**

**3) Tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti, u tiddikjara li s-soċjetà rikorrenti għandha tirċievi rifużjoni tal-piena amministrattiva li ġiet imposta fuqha mill-Korp intimat fis-somma ta' mija tlieta u tletin elf mija tmienja u erbgħin Euro (€133,148), u li hija kienet ħallset lill-istess Korp intimat;**

**4) tillikwida d-danni morali li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lis-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' sitt elef Euro (€6,000), u tordna li l-istess intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas din is-somma lis-soċjetà rikorrenti, bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjeż kollha tal-proċeduri odjerni.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Onor. *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**